**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B **REGOLAMENT (KE) Nru 1099/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-22 ta' Ottubru 2008**

**dwar l-istatistika dwar l-enerġija**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2010 tal-20 ta' Settembru 2010 | L 258 | 1 | 30.9.2010 |
| ►M2 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 147/2013 tat-13 ta' Frar 2013 | L 50 | 1 | 22.2.2013 |
| ►M3 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 431/2014 tal-24 ta' April 2014 | L 131 | 1 | 1.5.2014 |
| ►M4 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2010 tad-9 ta' Novembru 2017 | L 292 | 3 | 10.11.2017 |
| ►M5 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/2146 tas-26 ta' Novembru 2019 | L 325 | 43 | 16.12.2019 |
| ►M6 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/132 tat-28 ta' Jannar 2022 | L 20 | 208 | 31.1.2022 |

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 148, 8.6.2023, p. 130 (2022/132)

▼B

# REGOLAMENT (KE) Nru 1099/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-22 ta' Ottubru 2008**

**dwar l-istatistika dwar l-enerġija**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni, trażmissjoni, evalwazzjoni u disseminazzjoni ta' statistika komparabbli dwar l-enerġija fil-Komunità.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għad-data statistika li tikkonċerna l-prodotti ta' l-enerġija u l-aggregati tagħhom fil-Komunità.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "statistika Komunitarja" tfisser l-istatistiċi tal-Komunità kif definiti fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 322/97;

(b) "produzzjoni ta' l-istatistika" tfisser il-produzzjoni ta' statistiċi kif definita fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 322/97;

(ċ) "il-Kummissjoni (l-Eurostat)" tfisser l-awtorità tal-Komunità kif definita fir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 322/97;

(d) "prodotti ta' l-enerġija" tfisser il-kombustibbli, is-sħana, l-enerġija rinnovabbli, l-elettriku, jew kwalunkwe forma oħra ta' enerġija;

(e) "aggregati" tfisser data li ġiet aggregata fil-livell nazzjonali dwar it-trattament jew l-użu ta' prodotti ta' l-enerġija, jiġifieri l-produzzjoni, il-kummerċ, l-istokks, it-trasformazzjoni, il-konsum u l-karatteristiċi strutturali tas-sistema ta' l-enerġija bħal kapaċitajiet installati għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku jew il-kapaċitajiet tal-produzzjoni għall-prodotti taż-żejt;

(f) "kwalità tad-data" tfisser l-aspetti segwenti tal-kwalità statistika: ir-rilevanza, il-preċiżjoni, it-tempestività u l-puntwalità, l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza, il-komparabbiltà, il-koerenza u l-kompletezza.

*Artikolu 3*

**Is-sorsi tad-data**

1. Waqt li japplikaw il-prinċipji taż-żamma ta' tnaqqis tal-piż fuq dawk li jwieġbu u tas-simplifikazzjoni amministrattiva, l-Istati Membri għandhom jikkompilaw id-data li tikkonċerna l-prodotti ta' l-enerġija u l-aggregati tagħhom fil-Komunità mis-sorsi li ġejjin:

(a) surveys statistiċi speċifiċi indirizzati lill-produtturi u kummerċjanti, lid-distributuri u trasportaturi ta' l-enerġija primarja u ta' l-enerġija trasformata, lill-importaturi u esportaturi tal-prodott ta' l-enerġija;

▼B

(b) surveys statistiċi oħra indirizzati lill-utenti ta' l-enerġija finali fis-setturi ta' l-industrija tal-manifattura, tat-trasport, u f'setturi oħra li jinkludu d-djar;

(ċ) proċeduri ta' stima statistika oħra jew sorsi oħra, inklużi sorsi amministrattivi, bħal regolaturi tas-swieq ta' l-elettriku u tal-gass.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dettaljati li jikkonċernaw ir-rappurtaġġ tad-data meħtieġa għall-istatistika nazzjonali kif speċifikat fl-Artikolu 4 minn intrapriżi u sorsi oħra.

3. Il-lista ta' sorsi ta' *data* tista' tiġi modifikata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2).

*Artikolu 4*

**L-aggregati, il-prodotti ta' l-enerġija u l-frekwenza tat-trażmissjoni ta' l-istatistika nazzjonali**

1. L-istatistika nazzjonali li għandha tiġi rappurtata għandha tkun kif stabbilit fl-Annessi. Għandha tiġi trażmessa bil-frekwenzi li ġejjin:

(a) annwali, għall-istatistika dwar l-enerġija fl-Anness B;

(b) kull xahar, għall-istatistika dwar l-enerġija fl-Anness C;

(ċ) kull xahar tul medda qasira ta' żmien, għall-istatistika dwar l-enerġija fl-Anness D.

2. Il-kjarifikazzjonijiet jew id-definizzjonijiet applikabbli għat-termini tekniċi jinsabu fl-Annessi individwali u anke fl-Anness A (Kjarifikazzjonijiet tat-Terminoloġija).

3. Id-data li għandha tiġi trażmessa u l-kjarifikazzjonijiet u d-definizzjonijiet applikabbli jistgħu jiġu modifikati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2).

*Artikolu 5*

**Trażmissjoni u disseminazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (lill-Eurostat) l-istatistika nazzjonali msemmija fl-Artikolu 4.

2. L-arranġamenti għat-trażmissjoni tagħhom, inklużi l-limiti ta' żmien, id-derogi u l-eżenzjonijiet minnhom li jkunu applikabbli, għandhom ikunu skond kif stabbilit fl-Annessi.

3. L-arranġamenti għat-trażmissjoni ta' l-istatistika nazzjonali tista' tiġi modifikata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2).

4. Fuq it-talba debitament ġustifikata ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti eżenzjonijiet jew derogi addizzjonali konformement mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 11(3), għal dawk il-partijiet ta' l-istatistika nazzjonali li l-ġbir tagħhom għandu jwassal għal piż eċċessiv fuq dawk li jwieġbu.

▼B

5. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tiddissemina statistika annwali dwar l-enerġija sal-31 ta' Jannar tat-tieni sena wara l-perijodu rrappurtat.

*Artikolu 6*

**Valutazzjoni tal-kwalità u rapporti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kwalità tad-data trażmessa.

2. Għandu jsir kull sforz raġonevoli sabiex tkun żgurata koerenza bejn id-data dwar l-enerġija ddikjarata skond l-Anness B u d-data ddikjarata skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2005/166/KE ta' l-10 ta' Frar 2005 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna mekkaniżmu għall-monitoraġġ ta' l-emissjonijiet Komunitarji tal-gassijiet serra u sabiex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto ([1]).

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-dimensjonijiet segwenti ta' valutazzjoni ta' kwalità għandhom japplikaw għad-data li għandha tiġi trażmessa:

(a) "rilevanza" tirriferi għall-grad sa fejn l-istatistika tissodisfa ħtiġijiet attwali u potenzjali ta' l-utenti;

(b) "preċiżjoni" tirriferi għall-viċinanza ta' l-estimi għall-valuri reali mhux magħrufa;

(ċ) "tempestività" tirriferi għall-perijodu ta' żmien bejn id-disponibbiltà ta' l-informazzjoni u l-avveniment jew fenomenu li hija tiddeskrivi;

(d) "puntwalità" tirriferi għall-perijodu ta' żmien bejn id-data tar-rilaxx tad-data u d-data mmirata meta hija kellha tkun provduta;

(e) "aċċessibbiltà" u "ċarezza" jirriferu għall-kundizzjonijiet u modalitajiet li bihom l-utenti jistgħu jakkwistaw, jużaw u jinterpretaw data;

(f) "komparabbiltà" tirriferi għall-kejl ta' l-impatt ta' differenzi f'kunċetti applikati ta' statistika u strumenti u proċeduri ta' kejl meta l-istatistika tiġi mqabbla bejn zoni ġeografiċi, oqsma settorali jew fuq medda ta' żmien;

(g) "koerenza" tirriferi għall-adegwatezza tad-data sabiex din tiġi affidabbilment kombinata b'modi differenti u għal użi varji.

4. Kull ħames snin, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'rapport dwar il-kwalità tad-data trażmessa kif ukoll dwar kwalunkwe tibdil metodoloġiku li jkun sar.

5. Fi żmien sitt xhur mir-riċezzjoni ta' talba mill-Kummissjoni (Eurostat), u sabiex jippermettulha tivvaluta l-kwalità tad-data trażmessa, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) rapport li jinkludi kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tikkonċerna l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

---

([1]) ĠU L 55, 1.3.2005, p. 57.

▼B

*Artikolu 7*

**Referenza ta' żmien u frekwenza**

L-Istati Membri għandhom jikkompilaw id-data kollha speċifikata f'dan ir-Regolament mill-bidu tas-sena kalendarja wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, u għandhom jittrażmettuha minn dakinhar ‘il quddiem bil-frekwenzi stabbiliti fl-Artikolu 4(1).

*Artikolu 8*

**Statistika nukleari annwali**

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, b'koperazzjoni mas-settur ta' l-enerġija nukleari fl-UE, tiddefinixxi sett ta' statistika nukleari annwali li għandu jiġi rappurtat u disseminat mill-2009 ‘il quddiem, b'dik is-sena bħala l-ewwel perijodu rappurtat, mingħajr preġudizzju għall-kunfidenzjalità, fejn din tkun meħtieġa, u bil-preklużjoni tad-duplikazzjoni tal-ġbir tad-data, u fl-istess waqt bl-ispejjeż ta' produzzjoni miżmuma baxxi u bil-piż tar-rappurtar miżmum raġonevoli.

Is-sett ta' statistika nukleari annwali għandu jiġi stabbilit u jista' jiġi modifikat skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2).

*Artikolu 9*

**Statistika dwar l-enerġija rinnovabbli u statistika dwar il-konsum finali ta' l-enerġija**

1. Bil-ħsieb li tiġi mtejba l-kwalità ta' l-istatistika dwar l-enerġija rinnovabbli u dwar il-konsum ta' enerġija finali, il-Kummissjoni (Eurostat), b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha tiżgura li din l-istatistika tkun komparabbli, trasparenti, dettaljata u flessibbli billi:

(a) tirrivedi l-metodoloġija użata sabiex tiġi ġenerata statistika dwar l-enerġija rinnovabbli sabiex kull sena, u b'mod effettiv għall-nfiq li jsir, tkun disponibbli statistika addizzjonali, pertinenti u dettaljata dwar kull sors ta' enerġija rinnovabbli. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tippreżenta u tiddissemina l-istatistika ġġenerata mill-2010 (is-sena ta' referenza) 'l quddiem;

(b) tirrivedi u tiddetermina l-metodoloġija użata fil-livell nazzjonali u fil-livell Komunitarju sabiex tiġġenera statistika dwar il-konsum finali ta' l-enerġija (sorsi, fatturi varjabbli, kwalita, spejjeż) ibbażata fuq il-pożizzjoni attwali, studji eżistenti u studji pilota ta' fattibbilta, kif ukoll fuq analiżi li għad iridu jsiru tal-benefiċċji għall-ispejjeż li jsiru; u tevalwa l-konklużjonijiet ta' l-istudji pilota u ta' l-analiżi tal-benefiċċji għall-ispejjeż li jsiru bil-ħsieb li jiġu stabbiliti kriterji diviżjonali (breakdown keys) għall-enerġiji finali skond is-settur u l-użi prinċipali ta' l-enerġija u li gradwalment jiġu integrati l-elementi li jirriżultaw fl-istatistika mill-2012 (is-sena ta' referenza) ‘l quddiem.

2. Is-sett ta' statistika dwar l-enerġija rinnovabbli jista' jiġi modifikat skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2).

▼B

3. Is-sett ta' statistika finali ta' enerġija rinnovabbli għandu jiġi stabbilit u jista' jiġi modifikat skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2).

*Artikolu 10*

**Miżuri implimentattivi**

1. Il-miżuri segwenti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament li ġejjin, li huma mfassla sabiex jemendaw l-elementi mhux essenżjali ta' dan ir-Regolament, *inter alia* billi jissuplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2):

(a) modifikazzjonijiet tal-lista tas-sorsi tad-data (Artikolu 3(3));

(b) modifikazzjonijiet lill-istatistika nazzjonali u lill-kjarifikazzjonijiet jew definizzjonijiet applikabbli (Artikolu 4(3));

(ċ) modifikazzjonijiet ta' l-arranġamenti ta' trażmissjoni (Artikolu 5(3));

(d) l-istabbiliment u modifikazzjonijiet ta' l-istatistika nukleari annwali (Artikolu 8(2));

(e) modifikazzjonijiet ta' l-istatistika dwar enerġija rinnovabbli (Artikolu 9(2));

(f) l-istabbiliment u modifikazzjonijiet ta' statistika dwar il-konsum finali ta' l-enerġija (Artikolu 9(3)).

2. L-eżenżjonijiet jew derogi addizzjonali (Artikolu 5(4)) għandhom jingħataw skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(3).

3. Għandha tingħata konsiderazzjoni lill-prinċipju li l-ispejjeż addizzjonali u l-piż tar- rappurtar jibqgħu suġġetti għal limitu raġonevoli.

*Artikolu 11*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għall-Programmi Statistiċi.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandom japplikaw l-Artikolu 5a (1) u (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu previst fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

*Artikolu 12*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M6

*ANNESS A*

## KJARIFIKI TAT-TERMINOLOĠIJA

Dan l-Anness jipprovdi spjegazzjonijiet, noti ġeografiċi u definizzjonijiet ta' termini użati fl-Annessi l-oħrajn, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dawn l-Annessi.

### 1. NOTI ĠEOGRAFIĊI

Għal finijiet biss tar-rapportar statistiku, japplikaw id-definizzjonijiet ġeografiċi li ġejjin:

— l-Awstralja teskludi t-territorji esterni tagħha,

— id-Danimarka teskludi l-Gżejjer Faeroe u Greenland,

— Franza tinkludi Monaco u d-dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej ta' Guadeloupe, Martinique, Guyane, Reunion u Mayotte,

— l-Italja tinkludi San Marino u l-Vatikan (is-Santa Sede),

— il-Ġappun jinkludi Okinawa,

— il-Portugall jinkludi Açores u Madeira,

— Spanja tinkludi l-Gżejjer Kanarji, il-Gżejjer Baleariċi, u Ceuta u Melilla,

— l-Iżvizzera ma tinkludix il-Liechtenstein,

— l-Istati Uniti jinkludu l-50 stat, id-Distrett ta' Columbia, il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti, Puerto Rico u Guam.

### 2. AGGREGATI

Il-produtturi tal-elettriku u tas-sħana huma kklassifikati skont il-fini tal-produzzjoni:

— **produtturi tal-attività ewlenija** huma produtturi ta' sjieda privata- jew pubblika li bħala l-attività ewlenija tagħhom jiġġeneraw l-elettriku u/jew is-sħana biex ibigħuha lil partijiet terzi,

— **awtoprodutturi** huma produtturi ta' sjieda privata- jew pubblika li bħala attività li tappoġġa l-attività ewlenija tagħhom jiġġeneraw l-elettriku u/jew is-sħana b'mod sħiħ jew parzjali għall-użu tagħhom stess.

*Nota*: il-Kummissjoni tista' tiċċara aktar it-terminoloġija billi żżid referenzi tan-NACE [1] rilevanti f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 11(2), wara li tkun daħlet fis-seħħ reviżjoni tal-klassifikazzjoni tan-NACE.

#### 2.1. Provvista

2.1.1. PRODUZZJONI/PRODUZZJONI INDIĠENA

Il-kwantitajiet tal-fjuwils estratti jew prodotti huma kkalkulati wara kull operazzjoni tat-tneħħija tal-materja inerti. Il-produzzjoni tinkludi l-kwantitajiet ikkonsmati mill-produttur waqt il-proċess tal-produzzjoni (eż. għat-tisħin jew għat-tħaddim tat-tagħmir u tal-awżiljarji) kif ukoll il-provvisti lil produtturi oħrajn tal-enerġija għat-trasformazzjoni jew għal użi oħrajn.

(1) NACE Rev. 2 – Klassifikazzjoni Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi fil-Komunità Ewropea, Rev. 2 (2008)

▼M6

"Produzzjoni indiġena" tfisser produzzjoni minn riżorsi f'territorju speċifiku — it-territorju nazzjonali tal-pajjiż li qed jirrapporta.

2.1.2. PRODOTTI RKUPRATI

Japplika għall-faħam iebes biss. Slurries u shale tal-munzelli tal-iskart irkuprati mill-minjieri.

2.1.3. IRĊEVUTI LI ĠEJJIN MINN SORSI OĦRA

Il-kwantitajiet tal-fjuwils li l-produzzjoni tagħhom hi koperta b'rapportar ieħor dwar il-fjuwil, iżda li huma mħallta bi fjuwil ieħor u kkonsmati bħala taħlita. Aktar dettalji dwar dan il-komponent iridu jiġu pprovduti bħala:

— Irċevuti minn sorsi oħra: Faħam

— Irċevuti minn sorsi oħra: Żejt u prodotti taż-żejt mhux raffinat

— Irċevuti minn sorsi oħra: Gass Naturali

— Irċevuti minn sorsi oħra: Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli

2.1.4. IMPORTAZZJONIJIET/ESPORTAZZJONIJIET

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, "importazzjonijiet" tirriferi għall-oriġini finali (il-pajjiż fejn ikun sar il-prodott tal-enerġija) għal użu fil-pajjiż u "esportazzjonijiet" tirreferi għall-pajjiż finali tal-konsum tal-prodott tal-enerġija li jkun sar. L-ammonti jitqiesu importati jew esportati meta dawn ikunu qasmu l-fruntieri politiċi tal-pajjiż, kemm jekk kien hemm awtorizzazzjoni doganali kif ukoll jekk le.

Meta ma tkun tista' tiġi speċifikata l-ebda oriġini jew l-ebda destinazzjoni, tista' tintuża "Mhux speċifikata/Oħrajn".

2.1.5. BUNKERS TAL-BAĦAR INTERNAZZJONALI

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsenjati lill-bastimenti li jtajru xi bandiera u li jintużaw fit-tbaħħir internazzjonali. In-navigazzjoni internazzjonali tista' ssir fuq il-baħar, fuq għadajjar u passaġġi tal-ilma interni, u f'ilmijiet kostali. Dawn li ġejjin huma esklużi:

— il-konsum mill-bastimenti involuti fin-navigazzjoni domestika; jenħtieġ li d-distinzjoni domestika/internazzjonali tiġi stabbilita abbażi tal-port tat-tluq u tal-port tal-wasla, u mhux skont il-bandiera jew in-nazzjonalità tal-bastiment;

— il-konsum minn bastimenti tas-sajd;

— il-konsum minn qawwiet militari.

2.1.6. AVJAZZJONI INTERNAZZJONALI

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsenjati lill-inġenji tal-ajru għall-avjazzjoni internazzjonali. Id-distinzjoni domestika/internazzjonali jenħtieġ li tkun stabbilita abbażi tal-post tat-tluq u tal-ħatt u mhux skont in-nazzjonalità tal-linja tal-ajru. Esklużi l-fjuwils użati mil-linji tal-ajru għall-vetturi tat-triq tagħhom (li għandhom jiġu rrapportati f'"Mhux speċifikati band'oħra - Trasport") u l-użu militari tal-fjuwils tal-avjazzjoni (li għandhom jiġu rrapportati f'"Mhux speċifikati band'oħra - Oħrajn").

2.1.7. BIDLIET FL-ISTOKKIJIET

Id-differenza bejn il-livell tal-istokk tal-ftuħ u l-livell tal-istokk tal-għeluq għall-istokk miżmum fit-territorju nazzjonali. Ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor, żieda fl-istokk tintwera bħala numru negattiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru pożittiv.

▼M6

2.1.8. L-ISTOKKIJIET TOTALI TAL-FTUĦ U TAL-GĦELUQ FIT-TERRITORJU NAZZJONALI

L-istokkijiet kollha fit-territorju nazzjonali, inkluż l-istokkijiet miżmuma mill-gvernijiet, mill-konsumaturi ewlenin u mill-organizzazzjonijiet li jżommu l-istokkijiet, l-istokkijiet miżmuma abbord bastimenti tal-oċean li jkunu deħlin, l-istokkijiet miżmuma f'żoni riżervati u l-istokkijiet miżmuma għal oħrajn, kemm jekk skont ftehim governattiv bilaterali u kemm jekk le. Il-ftuħ u l-għeluq jirreferu għall-ewwel u għall-aħħar jum tal-perjodu tar-rapportar, rispettivament. L-istokk jinkludi l-istokkijiet miżmuma f'kull tip ta' faċilità tal-ħażna speċjali, jew fuq il-wiċċ jew taħt l-art.

2.1.9. UŻU DIRETT

Żejt (Żejt mhux raffinat u prodotti taż-żejt mhux raffinat) użat direttament mingħajr ma jiġi pproċessat f'raffineriji taż-żejt mhux raffinat. Jinkludi ż-żejt mhux raffinat maħruq għall-ġenerazzjoni tal-elettriku.

2.1.10. PRODOTTI PRIMARJI RĊEVUTI

Jinkludu l-kwantitajiet taż-żejt mhux raffinat indiġenu jew importat (inkluż il-kondensat) u l-NGL [2] indiġenu użati direttament mingħajr ma jiġu pproċessati f'raffinerija taż-żejt mhux raffinat, u kwantitajiet tal-flussi lura mill-industrija petrokimika li, għalkemm mhux fjuwil primarju, jintużaw direttament.

2.1.11. PRODUZZJONI GROSSA TAR-RAFFINERIJA

Il-produzzjoni tal-prodotti finali f'raffinerija jew f'impjant tat-taħlit. Għajr it-telf mir-raffineriji, iżda inkluż il-fjuwil tar-raffinerija.

2.1.12. PRODOTTI RIĊIKLATI

Il-prodotti finali li jgħaddu għat-tieni darba min-network tat-tqegħid fis-suq, wara li jkunu ġew ikkonsenjati lill-konsumaturi finali (eż. lubrikanti użati li qed jiġu pproċessati mill-ġdid). Dawn il-kwantitajiet jenħtieġ li jiġu distinti mill-flussi lura petrokimiċi.

2.1.13. FLUSSI LURA

Il-prodotti finali jew semifinali li jiġu rritornati mill-konsumaturi finali lir-raffineriji għall-ipproċessar, għat-taħlit jew għall-bejgħ. Ġeneralment dawn ikunu prodotti sekondarji tal-manifattura petrokimika.

2.1.14. TRASFERIMENTI TAL-INTERPRODOTTI

Il-kwantitajiet ikklassifikati mill-ġdid għax tkun inbidlet l-ispeċifikazzjoni tagħhom jew għax ikunu tħalltu fi prodott ieħor. Entrata negattiva għal prodott wieħed tiġi kkumpensata b'entrata pożittiva (jew b'diversi entrati) għal prodott wieħed jew għal diversi prodotti u viċiversa; l-effett nett totali jenħtieġ li jkun żero.

2.1.15. PRODOTTI TRASFERITI

Il-prodotti taż-żejt mhux raffinat importati li jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala materja prima għal aktar ipproċessar fir-raffinerija, mingħajr ma jiġu kkonsenjati lill-konsumaturi finali.

2.1.16. DIFFERENZI STATISTIĊI

Il-valur ikkalkulat, definit bħala d-differenza bejn il-kalkolu mill-perspettiva tal-provvista (approċċ minn fuq għal isfel) u l-kalkolu mill-perspettiva tal-konsum (approċċ minn isfel għal fuq). Kwalunkwe differenza statistika maġġuri jenħtieġ li tiġi spjegata.

(2) Likwidi tal-gass naturali.

▼M6

2.2. **Settur tat-Trasformazzjoni**

Fis-settur tat-trasformazzjoni, jenħtieġ li jiġu rrapportati biss il-kwantitajiet tal-fjuwils li ġew trasformati fi fjuwils oħra. Il-kwantitajiet tal-fjuwils użati għat-tisħin, għat-tħaddim tat-tagħmir u b'mod ġenerali biex jappoġġaw it-trasformazzjoni, jenħtieġ li jiġu ddikjarati fis-settur tal-enerġija.

2.2.1. PRODUTTUR TA' ATTIVITÀ EWLENIJA TAL-ELETTRIKU BISS

Il-kwantitajiet tal-fjuwils użati minn produtturi tal-attività ewlenija biex jipproduċu l-elettriku f'unitajiet/impjanti tal-elettriku biss.

2.2.2. UNITAJIET TAS-SĦANA U TAL-ENERĠIJA KKOMBINATI (CHP) TAL-PRODUTTUR TAL-ATTIVITÀ EWLENIJA

Il-kwantitajiet tal-fjuwils użati minn produtturi tal-attività ewlenija biex jipproduċu l-elettriku u/jew is-sħana f'unitajiet/impjanti tas-sħana u tal-enerġija kkombinati (CHP).

2.2.3. PRODUTTUR TA' ATTIVITÀ EWLENIJA TAS-SĦANA BISS

Il-kwantitajiet tal-fjuwils użati minn produtturi tal-attività ewlenija biex jipproduċu s-sħana f'unitajiet/impjanti tas-sħana biss.

2.2.4. AWTOPRODUTTUR TAL-ELETTRIKU BISS

Il-kwantitajiet tal-fjuwils użati mill-awtoprodutturi biex jipproduċu l-elettriku f'unitajiet/impjanti tal-elettriku biss.

2.2.5. UNITAJIET TAS-SĦANA U TAL-ENERĠIJA KKOMBINATI (CHP) TAL-AWTOPRODUTTURI

Il-kwantitajiet kollha tal-fjuwils użati mill-awtoprodutturi biex jipproduċu l-elettriku u l-parti proporzjonali tal-fjuwils użati biex jipproduċu s-sħana mibjugħa f'unitajiet tas-Sħana u tal-Enerġija Kkombinati (CHP). Il-parti proporzjonali tal-fjuwils użati għall-produzzjoni tas-sħana li ma tkunx inbiegħet (sħana awtokkunsmata) trid tiġi rapportata skont is-settur speċifiku tal-konsum finali tal-enerġija abbażi tal-klassifikazzjoni tan-NACE. Is-sħana mhux mibjugħa iżda kkonsenjata lil entitajiet oħrajn skont ftehimiet mhux finanzjarji jew lil entitajiet bi sjieda differenti jenħtieġ li tiġi rrapportata skont l-istess prinċipju bħas-sħana mibjugħa.

2.2.6. AWTOPRODUTTUR TAS-SĦANA BISS

Il-parti proporzjonali tal-fjuwils użati għall-produzzjoni tas-sħana mibjugħa f'unitajiet/impjanti tas-sħana biss mill-awtoprodutturi. Il-parti proporzjonali tal-fjuwils użati għall-produzzjoni tas-sħana li ma tkunx inbiegħet (sħana awtokkunsmata) trid tiġi rapportata skont is-settur speċifiku tal-konsum finali tal-enerġija abbażi tal-klassifikazzjoni tan-NACE. Is-sħana mhux mibjugħa iżda kkonsenjata lil entitajiet oħrajn skont ftehimiet mhux finanzjarji jew lil entitajiet bi sjieda differenti jenħtieġ li tiġi rrapportata skont l-istess prinċipju bħas-sħana mibjugħa.

2.2.7. IMPJANTI TAL-FJUWILS BIL-PRIVATTIVA

Il-kwantitajiet tal-fjuwils użati f'impjanti tal-fjuwils bil-privattiva għall-produzzjoni tal-fjuwil bil-privattiva.

2.2.8. FRAN TAL-KOKK

Il-kwantitajiet tal-fjuwils użati fil-fran tal-kokk għall-produzzjoni tal-kokk tal-fran tal-kokk u tal-gass tal-fran tal-kokk.

▼M6

2.2.9. IMPJANTI BKB/PB

Il-kwantitajiet tal-fjuwils użati għall-produzzjoni tal-mattunelli tal-faħam kannella (BKB) f'impjanti BKB u l-kwantitajiet tal-fjuwils użati f'impjanti tal-mattunnelli tal-pit għall-produzzjoni tal-mattunelli tal-pit (PB).

2.2.10. IMPJANTI TAL-MANIFATTURA TAL-GASS

Il-kwantitajiet tal-fjuwils użati għall-produzzjoni tal-gass tal-impjanti tal-gass f'impjanti tal-manifattura tal-gass u f'impjanti tal-gassifikazzjoni tal-faħam.

2.2.11. FORN TAL-BLAST

Il-kwantitajiet tal-fjuwils li jidħlu f'reċipjent tal-forn tal-blast, kemm mill-għatu flimkien mal-mineral tal-ħadid, kif ukoll bit-tuyeres fil-qiegħ flimkien mal-arja msaħħna tal-funderija.

2.2.12. LIKWIFAZZJONI TAL-FAĦAM

Il-kwantitajiet tal-fjuwil użati għall-produzzjoni taż-żejt sintetiku.

2.2.13. IMPJANTI TAL-GASS GĦAL LIKWIDU

Il-kwantitajiet tal-fjuwils gassużi konvertiti fi fjuwils likwidi.

2.2.14. IMPJANTI TAL-PRODUZZJONI TAL-FAĦAM TAL-KANNOL

Il-kwantitajiet tal-bijofjuwils solidi konvertiti f'faħam tal-kannol.

2.2.15. RAFFINERIJI TAŻ-ŻEJT MHUX MAĦDUM

Il-kwantitajiet tal-fjuwils użati għall-produzzjoni tal-prodotti taż-żejt mhux raffinat.

2.2.16. IMPJANTI TAT-TAĦLIT TAL-GASS NATURALI (GĦALL-GASS NATURALI MĦALLAT)

Il-kwantitajiet tal-gassijiet imħallta ma' gass naturali għal ġol-grillja tal-gass (in-network tal-gass).

2.2.17. GĦAT-TAĦLIT MA' GAŻOLINA TAL-MAGNI/DIŻIL/PITROLJU:

Il-kwantitajiet tal-bijofuwils likwidi mħallta mal-kontropartijiet fossili tagħhom.

2.2.18. MHUX SPEĊIFIKATI BAND'OĦRA

Il-kwantitajiet tal-fjuwils użati għall-attivitajiet tat-trasformazzjoni li ma humiex inklużi band'oħra. Jekk użati, kulma jiġi inkluż taħt din l-intestatura jenħtieġ li jiġi spjegat fir-rapport.

2.3. **Settur tal-Enerġija**

Il-kwantitajiet ikkonsmati mill-industrija tal-enerġija biex jappoġġaw l-operazzjonijiet tal-estrazzjoni (ħaffir fil-minjieri, produzzjoni taż-żejt u tal-gass) jew l-operazzjonijiet tal-impjanti relatati mal-attivitajiet tat-trasformazzjoni. Dan jikkorrispondi għan-NACE Rev. 2, id-Diviżjonijiet 05, 06, 19 u 35, għan-NACE Rev. 2, il-Grupp 09.1 u għan-NACE Rev. 2, il-klassijiet 07.21 u 08.92.

Jeskludi l-kwantitajiet tal-fjuwils trasformati f'forma ta' enerġija oħra (li jenħtieġ li tiġi rrapportata taħt is-settur tat-trasformazzjoni) jew użati biex jappoġġaw it-tħaddim tal-pipelines tat-taħlitiet (slurries) biż-żejt, bil-gass u bil-faħam (li jenħtieġ li jiġu rrapportati fis-settur tat-trasport).

Inkluż il-manifattura ta' materjali kimiċi għall-fissjoni u għall-fużjoni atomika u l-prodotti ta' dawn il-proċessi.

2.3.1. UŻU MILL-IMPJANTI STESS TAL-ELETTRIKU, TAS-CHP U TAS-SĦANA

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati bħala enerġija għal operazzjonijiet ta' appoġġ f'impjanti b'unitajiet tal-elettriku biss, tas-sħana biss u tas-CHP.

▼**M6**

2.3.2. MINJIERI TAL-FAĦAM

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati bħala enerġija biex jappoġġaw l-estrazzjoni u l-preparazzjoni tal-faħam fl-industrija tat-tħaffir fil-minjieri għall-faħam. Il-faħam maħruq f'impjanti tal-enerġija fid-dħul għal minjiera tal-faħam jenħtieġ li jiġi rrapportat fis-settur tat-trasformazzjoni.

2.3.3. IMPJANTI TAL-FJUWILS BIL-PRIVATTIVA

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati bħala enerġija li jappoġġaw operazzjonijiet f'impjanti tal-fjuwils bil-privattiva.

2.3.4. FRAN TAL-KOKK

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati bħala enerġija biex jappoġġaw l-operazzjonijiet fil-fran tal-kokk (impjanti tal-kokk).

2.3.5. IMPJANTI BKB/PB

Il-kwantitajiet tal-fjuwils użati bħala enerġija biex jappoġġaw l-l-operazzjonijiet f'impjanti BKP/PB (impjanti tal-agglomerazzjoni).

2.3.6. IMPJANTI TAL-MANIFATTURA TAL-GASS/IMPJANTI TAL-GASSIFIKAZZJONI

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati bħala enerġija biex jappoġġaw l-operazzjonijiet f'impjanti tal-manifattura tal-gass u f'impjanti tal-gassifikazzjoni tal-faħam.

2.3.7. FRAN TAL-BLAST

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati bħala enerġija biex jappoġġaw l-operazzjonijiet fil-fran tal-blast.

2.3.8. LIKWIFAZZJONI TAL-FAĦAM

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati bħala enerġija biex jappoġġaw l-operazzjonijiet f'impjanti tal-likwifazzjoni tal-faħam.

2.3.9. LIKWIFAZZJONI (LNG)/RIGASSIFIKAZZJONI

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati bħala enerġija biex jappoġġaw l-operazzjonijiet f'impjanti tal-likwifazzjoni tal-gass naturali u tar-rigassifikazzjoni.

2.3.10. IMPJANTI TAL-GASSIFIKAZZJONI (BIJOGASS)

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati bħala enerġija biex jappoġġaw l-operazzjonijiet f'impjanti tal-gassifikazzjoni tal-bijogass.

2.3.11. IMPJANTI TAL-GASS GĦAL LIKWIDU (GTL)

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati bħala enerġija biex jappoġġaw l-operazzjonijiet f'impjanti tal-konverżjoni tal-gass għal likwidu.

2.3.12. IMPJANTI TAL-PRODUZZJONI TAL-FAĦAM TAL-KANNOL

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati bħala enerġija biex jappoġġaw l-operazzjonijiet f'impjanti tal-produzzjoni tal-faħam tal-kannol.

2.3.13. RAFFINERIJI TAŻ-ŻEJT MHUX MAĦDUM

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati bħala enerġija biex jappoġġaw l-operazzjonijiet f'raffineriji taż-żejt mhux raffinat.

2.3.14. ESTRAZZJONI TAŻ-ŻEJT U TAL-GASS

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati fil-faċilitajiet tal-estrazzjoni taż-żejt u tal-gass naturali. Għajr it-telf mill-pipelines (li għandu jiġi rrapportat bħala telf mid-distribuzzjoni) u l-kwantitajiet tal-enerġija użata biex jitħaddmu l-pipelines (li jridu jiġu rrapportati fis-settur tat-trasport).

▼**M6**

2.3.15. MHUX SPEĊIFIKATI BAND'OĦRA - ENERĠIJA

Il-kwantitajiet tal-fjuwils relatati mal-attivitajiet tal-enerġija mhux inklużi band'oħra. Jekk użati, kulma jiġi inkluż taħt din l-intestatura jenħtieġ li jiġi spjegat fir-rapport.

2.4. **It-telf mit-trażmissjoni u mid-distribuzzjoni**

2.4.1. TELF MIT-TRAŻMISSJONI

Il-kwantitajiet ta' telf ta' fjuwil li jseħħu minħabba t-trażmissjoni, fil-parti tas-sistema mħaddma mill-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni. Dan jinkludi telf tekniku u mhux tekniku. Għall-elettriku, dan jinkludi t-telf fit-trasformaturi li ma jitqisux bħala partijiet integrali tal-impjanti tal-enerġija. Għall-gass, dan jinkludi l-ivventjar u l-ivvampjar matul it-trażmissjoni.

2.4.2. TELF MID-DISTRIBUZZJONI

Il-kwantitajiet ta' telf ta' fjuwil li jseħħu minħabba d-distribuzzjoni, fil-parti tas-sistema mħaddma mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni. Dan jinkludi telf tekniku u mhux tekniku. Għall-gass, dan jinkludi l-ivventjar u l-ivvampjar matul id-distribuzzjoni.

2.5. **Konsum finali mhux tal-enerġija**

Il-kwantitajiet tal-fjuwils fossili użati għal finijiet mhux tal-enerġija - fjuwils mhux maħruqa.

2.6. **Konsum finali tal-enerġija (speċifikazzjonijiet ta' użu finali)**

2.6.1. SETTUR TAL-INDUSTRIJA

Dan jirreferi għall-kwantitajiet ta' fjuwil ikkunsmati mill-intrapriża industrijali biex issostni l-attivitajiet primarji tagħha.

Għall-unitajiet tas-sħana biss jew tas-CHP, iridu jiġu rrapportati biss il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati għall-produzzjoni tas-sħana użata mill-entità nnifisha (sħana awtokkonsmata). Jenħtieġ li l-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati għall-produzzjoni tas-sħana mibjugħa u għall-produzzjoni tal-elettriku jiġu rapportati taħt is-settur tat-trasformazzjoni xieraq.

2.6.1.1. Xogħol ta' tħaffir fil-minjieri u l-barrieri: NACE Rev. 2, id-Div 07 (għajr 07.21) u d-Div 08 (għajr 08.92); NACE Rev. 2, il-Grupp 09.9.

2.6.1.1.1. Estrazzjoni tal-metalli mhux raffinata [NACE Rev. 2, id-Div 07; għajr in-NACE Rev. 2, il-Klassi 07.21 Tħaffir fil-minjieri tal-uranju u t-torju]

2.6.1.1.2. Tħaffir ieħor fil-minjieri u fil-barrieri [NACE Rev. 2, id-Div. 08; għajr in-NACE Rev. 2, il-Klassi 08.92 Estrazzjoni tal-pit]

2.6.1.1.3. Attivitajiet ta' appoġġ għat-tħaffir fil-minjieri [NACE Rev. 2, id-Div. 09; għajr in-NACE Rev. 2, il-Grupp 09.1 Attivitajiet ta' appoġġ għall-estrazzjoni taż-żejt mhux raffinat u tal-gass naturali]

2.6.1.2. Ikel, xorb u tabakk: NACE Rev. 2, id-Div 10, 11 u 12.

2.6.1.2.1. Manifattura tal-prodotti tal-injam [NACE Rev. 2, id-Div. 10]

2.6.1.2.2. Manifattura tax-xorb [NACE Rev. 2, id-Div. 11]

2.6.1.2.3. Manifattura tal-prodotti tat-tabakk [NACE Rev. 2, id-Div. 12]

2.6.1.3. Tessut u ġilda [NACE Rev. 2, id-Div. 13, 14 u 15; inkluż il-Manifattura tat-tessuti, il-Manifattura tal-ħwejjeġ li jintlibsu u l-Manifattura tal-ġilda u ta' prodotti relatati]

▼M6

2.6.1.4. Injam u prodotti tal-injam — Il-manifattura tal-injam u tal-prodotti tal-injam u tas-sufra, minbarra l-għamara; Il-manifattura ta' oġġetti tat-tiben u ta' materjali tad-dfir [NACE Rev. 2, id-Div. 16]

2.6.1.5. Polpa, karti u stampar: NACE Rev. 2, id-Div 17 u 18.

2.6.1.5.1. Manifattura tal-karta u tal-prodotti tal-karta [NACE Rev. 2, id-Div. 17]

2.6.1.5.1.1. Manifattura tal-polpa [NACE Rev. 2, il-Klassi 17.11]

2.6.1.5.1.2. Karta u prodotti tal-karta oħrajn [NACE Rev. 2, il-Klassi 17.12 u NACE Rev. 2, il-Grupp 17.2]

2.6.1.5.2. L-istampar u r-riproduzzjoni ta' midja rrekordjata [NACE Rev. 2, id-Div. 18]

2.6.1.6. Sustanzi kimiċi u petrokimiċi: NACE Rev. 2, id-Div 20 u 21.

2.6.1.6.1. Manifattura tal-kimiki u tal-prodotti kimiċi [NACE Rev. 2, id-Div. 20]

2.6.1.6.2. Manifattura tal-prodotti farmaċewtiċi bażiċi u tal-preparazzjonijiet farmaċewtiċi [NACE Rev. 2, id-Div. 21]

2.6.1.7. Minerali li ma humiex metalliċi [NACE Rev. 2, id-Div. 23]

2.6.1.7.1. Manifattura tal-ħġieġ u tal-prodotti tal-ħġieġ [NACE Rev. 2, il-Grupp 23.1]

2.6.1.7.2. Manifattura tas-siment, tal-ġir u tal-ġibs (inkluż il-klinker) [NACE Rev. 2, il-Grupp 23.5]

2.6.1.7.3. Prodotti minerali oħra mhux metalliċi [NACE Rev. 2, il-Gruppi 23.2, 23.3, 23.4, 23.6, 23.7 u 23.9]

2.6.1.8. Ħadid u azzar [Manifattura ta' metalli bażiċi A: NACE Rev. 2, il-Grupp 24.1, 24.2 u 24.3 u l-Klassijiet 24.51 u 24.52]

2.6.1.9. Industriji tal-metalli li ma fihomx ħadid [Manifattura tal-metalli bażiċi B: NACE Rev. 2, il-Grupp 24.4 u l-Klassijiet 24.53 u 24.54]

2.6.1.9.1. Produzzjoni tal-aluminju [NACE Rev. 2, il-Klassi 24.42]

2.6.1.9.2. Industriji oħra tal-metalli li ma fihomx ħadid [NACE Rev. 2, il-Grupp 24.4 — għajr in-NACE Rev. 2, il-Klassi 24.42; NACE Rev. 2, il-Klassijiet 24.53 u 24.54]

2.6.1.10. Makkinarju: NACE Rev. 2, id-Div 25, 26, 27 u 28.

2.6.1.10.1. Manifattura ta' prodotti tal-metall fabbrikat, għajr il-makkinarju u t-tagħmir [NACE Rev. 2, id-Div. 25]

2.6.1.10.2. Manifattura tal-prodotti tal-kompjuters, elettroniċi u ottiċi [NACE Rev. 2, id-Div. 26]

2.6.1.10.3. Manifattura tat-tagħmir elettriku [NACE Rev. 2, id-Div. 27]

2.6.1.10.4. Manifattura ta' makkinarju u tagħmir n.e.c. [NACE Rev. 2, id-Div. 28]

2.6.1.11. Tagħmir tat-trasport: L-industriji relatati mat-tagħmir li jintuża għat-trasport [NACE, id-Div. 29 u 30; inkluż il-Manifattura tal-vetturi bil-mutur, tat-trejlers u s-semitrejlers u l-Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport]

2.6.1.12. Mhux speċifikat band'oħra - L-industrija: NACE, id-Div 22, 31 u 32

2.6.1.12.1. Manifattura tal-prodotti tal-gomma u tal-plastik [NACE, id-Div. 22]

2.6.1.12.2. Manifattura tal-għamara [NACE Rev. 2, id-Div. 31]

2.6.1.12.3. Manifattura oħra [NACE Rev. 2, id-Div. 32]

2.6.1.13. Kostruzzjoni [NACE Rev. 2, id-Div. 41, 42 u 43]

▼M6

2.6.2. SETTUR TAT-TRASPORT

Enerġija użata fl-attivitajiet kollha tat-trasport irrispettivament mill-kategorija tan-NACE (is-settur ekonomiku) fejn isseħħ l-attività. Jenħtieġ li l-fjuwils użati għat-tisħin u għat-tidwil fl-istazzjonijiet tal-ferrovija, fil-vened tax-xarabanks, fuq il-mollijiet tal-bastimenti u fl-ajruporti jiġu rrapportati taħt "Servizzi Kummerċjali u Pubbliċi" u mhux fis-settur tat-trasport.

2.6.2.1. Ferroviji

Il-kwantitajiet tal-fjuwils użati mit-traffiku tal-ferroviji, inkluż il-ferroviji industrijali u t-trasport bil-ferroviji bħala parti minn sistemi tat-trasport urbani u suburbani (pereżempju il-ferroviji, it-trams, il-metros).

2.6.2.1.1. Ferrovija b'veloċità kbira

L-enerġija użata mill-ferroviji li jaħdmu fuq linji fejn il-veloċità tista' taqbeż il-200 kilometru fis-siegħa.

2.6.2.1.2. Ferrovija konvenzjonali

L-enerġija użata mit-traffiku ferrovjarju, minbarra l-ferroviji ta' veloċità għolja u l-metro u t-tramm.

2.6.2.1.2.1. It-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija konvenzjonali

L-enerġija użata mill-ferrovija għat-trasport tal-passiġġieri, jiġifieri għall-moviment tal-passiġġieri li jużaw vetturi ferrovjarji bejn il-post tal-imbark u l-post tal-iżbark. Il-passiġġier huwa kwalunkwe persuna minbarra l-membri tal-ekwipaġġ tal-ferrovija, li tagħmel vjaġġ bil-ferrovija.

2.6.2.1.2.2. It-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija konvenzjonali

L-enerġija użata bil-ferrovija għat-trasport tal-merkanzija, jiġifieri għall-moviment tal-merkanzija bl-użu ta' vetturi ferrovjarji bejn il-post tat-tagħbija u l-post tal-ħatt.

2.6.2.1.3. Metro u tramm

L-enerġija użata mill-metro, mit-tramm, mill-ferrovija ħafifa u minn sistemi ferrovjarji urbani oħra għoljin jew taħt l-art.

2.6.2.2. Navigazzjoni domestika

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsenjati lill-bastimenti li jtajru xi bandiera u li ma humiex involuti fit-tbaħħir internazzjonali (ara Bunkers tal-baħar internazzjonali). Jenħtieġ li d-distinzjoni domestika/internazzjonali tiġi stabbilita abbażi tal-port tat-tluq u tal-port tal-wasla, u mhux skont il-bandiera jew in-nazzjonalità tal-bastiment.

2.6.2.3. Bit-triq

Il-kwantitajiet tal-fjuwils użati fil-vetturi tat-triq. Inkluż il-fjuwil użat mill-vetturi agrikoli fuq l-awtostradi u l-lubrikanti għall-użu fil-vetturi tat-triq.

Għajr l-enerġija użata f'magni stazzjonarji (ara "Settur ieħor"), fit-tratturi li ma jintużawx fl-awtostradi (ara "Agrikoltura"), għal użu militari fil-vetturi tat-triq (ara "Settur Ieħor - Mhux Speċifikati Band'Oħra"), għall-bitumen użat fil-kisi tat-toroq u l-enerġija użata fil-magni fis-siti tal-kostruzzjoni (ara "Industrija", is-subsettur "Kostruzzjoni").

2.6.2.3.1. Vetturi tqal li jġorru l-merkanzija

Il-kwantitajiet ta' fjuwils użati fi trakkijiet b'kapaċità ta' tagħbija ta' 3,5t, li jġorru l-merkanzija (vetturi tal-kategoriji N2 u N3 skont il-klassifikazzjoni Ewropea għall-kategorija tal-vetturi, abbażi tal-istandards tal-UNECE).

▼M6

2.6.2.3.2. Trasport kollettiv

Il-kwantitajiet ta' fjuwils użati f'vetturi kbar, li jġorru passiġġieri, bħal xarabanks, kowċis, vannijiet kbar, eċċ. (vetturi tal-kategoriji M2 u M3 skont il-klassifikazzjoni Ewropea għall-kategorija ta' vetturi, abbażi tal-istandards tal-UNECE).

2.6.2.3.3. Karozzi u vannijiet

Il-kwantitajiet ta' fjuwils użati f'vetturi żgħar, bħal karozzi u vannijiet, li jġorru passiġġieri jew merkanzija (vetturi tal-kategoriji N1 u M1 skont il-klassifikazzjoni Ewropea għall-kategorija tal-vetturi, abbażi tal-istandards tal-UNECE).

2.6.2.3.4. Trasport ieħor bit-triq:

Il-kwantitajiet ta' fjuwils użati fil-forom kollha ta' trasport bit-triq minbarra vetturi tqal li jġorru merkanzija, trasport kollettiv u karozzi u vannijiet.

2.6.2.4. Trasport bil-Pipelines

Kwantitajiet ta' fjuwils użati bħala enerġija fl-appoġġ tat-tħaddim ta' pipelines li jittrasportaw gassijiet, likwidi, slurries u komoditajiet oħrajn. Tinkludi l-enerġija użata għall-istazzjonijiet tal-pompa u għall-manutenzjoni tal-pipelines. Għajr l-enerġija użata għad-distribuzzjoni bil-pipelines tal-gass naturali jew tal-gass manifatturat, il-misħun jew l-istim mid-distributur lejn l-utenti finali (li għandu jiġi rrapportat fis-settur tal-enerġija), l-enerġija użata għad-distribuzzjoni finali tal-ilma lill-utenti fl-unitajiet domestiċi, lill-utenti industrijali, lill-utenti kummerċjali u lil utenti oħrajn (li għandhom jiġu inklużi f'Servizzi kummerċjali u pubbliċi) u t-telf li jiġri waqt dan it-trasport bejn id-distributur u l-utenti finali (li għandu jiġi rrapportat bħala telf mid-distribuzzjoni).

2.6.2.5. Avjazzjoni domestika

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsenjati lill-inġenji tal-ajru għall-avjazzjoni domestika. Inkluż il-fjuwil użat għal finijiet oħra għajr it-titjiriet, eż. l-ittestjar ta' qabel tal-magni. Id-distinzjoni domestika/internazzjonali jenħtieġ li tkun stabbilita abbażi tal-post tat-tluq u tal-ħatt u mhux skont in-nazzjonalità tal-linja tal-ajru. Dan jinkludi l-vjaġġi ta' tul konsiderevoli bejn żewġ ajruporti f'pajjiż b'territorji *extra*-Ewropej. Esklużi l-fjuwils użati mil-linji tal-ajru għall-vetturi tat-triq tagħhom (li għandhom jiġu rrapportati f'"Mhux speċifikati band'oħra - Trasport") u l-użu militari tal-fjuwils tal-avjazzjoni (li għandhom jiġu rrapportati f'"Mhux speċifikati band'oħra - Oħrajn").

2.6.2.6. Mhux speċifikat band'oħra – It-trasport

Il-kwantitajiet tal-fjuwils użati għall-attivitajiet tat-trasport li ma humiex inklużi band'oħra. Inkluż il-fjuwils użati mil-linji tal-ajru għall-vetturi tat-triq tagħhom u l-fjuwils użati fil-portijiet għat-tagħmir tal-ħatt mill-bastimenti, diversi tipi ta' krejnijiet. Jekk użati, kulma jiġi inkluż taħt din l-intestatura jenħtieġ li jiġi spjegat fir-rapport.

2.6.3. SETTURI OĦRA

Din il-kategorija tkopri l-kwantitajiet tal-fjuwils użati f'setturi mhux imsemmija speċifikament jew li ma jagħmlux parti mit-trasformazzjoni, l-enerġija, l-industrija jew it-trasport.

2.6.3.1. Servizzi kummerċjali u pubbliċi

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati min-negozji u mill-uffiċċji fis-setturi pubbliċi u privati. NACE Rev. 2, id-Div 33, 36, 37, 38, 39, 45, 46, 47, 52, 53, 55, 56, 58, 59, 60, 61, 62, 63, 64, 65, 66, 68, 69, 70, 71, 72, 73, 74, 75, 77, 78, 79, 80, 81, 82, 84 (għajr il-Klassi 84.22), 85, 86, 87, 88, 90, 91, 92, 93, 94, 95, 96 u 99. Il-fjuwils

▼M6

użati għat-tisħin u d-dawl fil-ferroviji, fl-istazzjonijiet tax-xarabanks, fil-mollijiet tat-trasport marittimu u fl-ajruporti jenħtieġ li jiġu rrappurtati f'din il-kategorija. Dan jinkludi fjuwils użati għall-attivitajiet kollha mhux tat-trasport tad-Diviżjoni 49, 50 u 51 tan-NACE Rev. 2.

2.6.3.1.1. Tiswija u installazzjoni ta' makkinarju u tagħmir [NACE Rev. 2, Taqsima C diviżjoni 33]

2.6.3.1.2. Provvista tal-ilma; attivitajiet ta' drenaġġ, immaniġġjar tal-iskart u rimedju [NACE Rev. 2, Taqsima E]

2.6.3.1.3. Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u ta' muturi [NACE Rev. 2, Taqsima G]

2.6.3.1.3.1. Negozju bl-ingrossa [NACE Rev. 2, Taqsima G, Diviżjoni 46]

2.6.3.1.3.2. Negozju bl-imnut [NACE Rev. 2, Taqsima G, Diviżjoni 47]

2.6.3.1.4. Attivitajiet ta' ħżin u ta' appoġġ għat-trasport [NACE Rev. 2, Taqsima H, Diviżjoni 52]

2.6.3.1.5. Attivitajiet postali u ta' kurrier [NACE Rev. 2, Taqsima H, Diviżjoni 53]

2.6.3.1.6. Attivitajiet ta' servizzi ta' akkomodazzjoni u ikel [NACE Rev. 2, Taqsima I]

2.6.3.1.6.1. Akkomodazzjoni [NACE REV. 2, Taqsima I, Diviżjoni 55]

2.6.3.1.6.2. Attivitajiet ta' servizzi tal-ikel [NACE Rev. 2, Taqsima I, Diviżjoni 56]

2.6.3.1.7. Informazzjoni u komunikazzjoni [NACE Rev. 2, Taqsima J]

2.6.3.1.8. Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni u attivitajiet ta' proprjetà immobbli [NACE Rev. 2, Taqsima K u NACE Rev. 2, Taqsima l]

2.6.3.1.9. Attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' appoġġ [NACE Rev. 2, Taqsima N]

2.6.3.1.10. Amministrazzjoni pubblika u difiża; is-sigurtà soċjali obbligatorja [NACE Rev. 2 it-taqsima O]

2.6.3.1.11. Edukazzjoni [NACE Rev. 2, Taqsima P]

2.6.3.1.12. Attivitajiet tas-saħħa tal-bniedem u tal-ħidma soċjali [NACE Rev. 2, Taqsima Q]

2.6.3.1.12.1. Attivitajiet ta' sptar [NACE Rev. 2, Taqsima Q, Grupp 86.1]

2.6.3.1.13. Arti, divertiment u rikreazzjoni [NACE Rev. 2, Taqsima R]

2.6.3.1.13.1. Attivitajiet sportivi [NACE Rev. 2, Taqsima R, Diviżjoni 93]

2.6.3.1.14. Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet u korpi ekstraterritorjali [NACE Rev. 2, Taqsima U]

2.6.3.1.15. Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi u Servizzi oħrajn [NACE Rev 2, Taqsima M u NACE Rev. 2, Taqsima S]

2.6.3.1.16. Iċ-ċentri tad-*data*. Ċentru tad-*data* huwa definit bħala struttura jew grupp ta' strutturi użati biex jinżammu, jiġu konnessi u mħaddma sistemi/servers tal-kompjuter u tagħmir assoċjat għall-ħżin, l-ipproċessar u/jew id-distribuzzjoni tad-*data*, kif ukoll attivitajiet relatati.

▼M6

2.6.3.2. Unitajiet Domestiċi

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsmati mill-unitajiet domestiċi kollha inkluż l-"unitajiet domestiċi b'persuni impjegati". NACE Rev. 2, id-Div 97 u 98.

Id-definizzjonijiet speċifiċi li ġejjin japplikaw għas-settur tal-unitajiet domestiċi:

Unità domestika hija persuna li tgħix waħedha, **familja**, jew grupp ta' persuni li jgħixu flimkien fl-istess abitazzjoni privata u li jaqsmu l-utilitajiet u spejjeż essenzjali oħra tal-għajxien. Għaldaqstant is-settur tal-unitajiet domestiċi, magħruf ukoll bħala s-settur residenzjali jew domestiku huwa grupp kollettiv tal-unitajiet domestiċi kollha f'pajjiż.

Jenħtieġ li residenzi kollettivi permanenti (eż. ħabsijiet) jew temporanji (eż. sptarijiet) ikunu esklużi għax dawn huma koperti taħt il-konsum fis-settur tas-servizzi. Jenħtieġ li l-enerġija użata fl-attivitajiet kollha tat-trasport tiġi rrapportata fis-settur tat-trasport u mhux fis-settur tal-unitajiet domestiċi.

Anki l-konsum tal-enerġija assoċjat mal-attivitajiet ekonomiċi sinifikanti tal-unitajiet domestiċi jenħtieġ li jiġi eskluż mill-konsum totali tal-enerġija fl-unitajiet domestiċi. Dawn l-attivitajiet jinkludu l-attivitajiet ekonomiċi agrikoli fl-azjendi agrikoli żgħar u attivitajiet ekonomiċi oħra mwettqa fir-residenza ta' unità domestika, u jenħtieġ li jiġu rrapportati fis-settur xieraq tal-konsum finali.

2.6.3.2.1. Tisħin tal-ispazju

Dan is-servizz tal-enerġija jirreferi għall-użu tal-enerġija li jipprovdi s-sħana f'żona interna ta' residenza.

2.6.3.2.2. Tkessiħ tal-ispazju

Dan is-servizz tal-enerġija jirreferi għall-użu tal-enerġija għat-tkessiħ ta' residenza, permezz ta' sistema u/jew unità tar-refriġerazzjoni.

Il-fannijiet, il-blowers u tagħmir ieħor li ma huwiex konness ma' unità tar-refriġerazzjoni huwa eskluż minn din it-taqsima, iżda jenħtieġ li jkun kopert mit-taqsima tat-"Tagħmir tat-tidwil u tal-elettriku".

2.6.3.2.3. Tisħin tal-ilma

Dan is-servizz tal-enerġija jirreferi għall-użu tal-enerġija għat-tisħin tal-ilma għall-ilma ġieri sħun, il-banjijiet, it-tindif u applikazzjonijiet oħra mhux tat-tisjir.

It-tisħin tal-pixxini hu eskluż iżda jenħtieġ li jkun kopert fit-taqsima ta' "Użi finali oħra".

2.6.3.2.4. Tisjir

Dan is-servizz tal-enerġija jirreferi għall-użu tal-enerġija għat-tħejjija tal-ikel.

It-tagħmir għat-tisjir awżiljaru (microwaves, ktieli, magni tal-kafè, eċċ) huwa eskluż u jenħtieġ li jkun kopert fit-taqsima tat-"Tagħmir tat-tidwil u tal-elettriku".

2.6.3.2.5. Tagħmir tat-tidwil u tal-elettriku (elettriku biss):

L-użu tal-elettriku għat-tidwil u kull tagħmir ieħor tal-elettriku f'residenza mhux ikkunsidrat f'użi finali oħrajn.

2.6.3.2.6. Użi finali oħra

Kull konsum tal-enerġija ieħor fl-unitajiet domestiċi, bħall-użu tal-enerġija minn attivitajiet fil-miftuħ u xi attivitajiet oħrajn li ma humiex inklużi fil-ħames użi finali tal-enerġija msemmija hawn fuq (eż. lawn mowers, tisħin tal-pixxina, ħiters ta' barra, barbikjus fil-miftuħ, sawni, eċċ.).

▼M6

2.6.3.3. Agrikoltura

Il-kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati mill-utenti kklassifikati bħala produzzjoni tal-għelejjel u tal-annimali, kaċċa u attivitajiet ta' servizz relatati; NACE Rev. 2 Diviżjoni 01.

2.6.3.4. Forestrija

Kwantitajiet ta' fjuwils ikkunsmati minn utenti kklassifikati bħala forestrija u qtugħ tas-siġar għall-injam; NACE Rev. 2 Diviżjoni 02.

2.6.3.5. Sajd

Il-kwantitajiet tal-fjuwils ikkonsenjati għas-sajd intern, kostali u fil-baħar fond. Jenħtieġ li s-sajd ikun ikopri l-fjuwils ikkonsenjati lill-bastimenti li jtajru kwalunkwe bandiera u li jkunu ħadu l-fjuwil fil-pajjiż (inkluż is-sajd internazzjonali) u l-enerġija użata fl-industrija tas-sajd. NACE Rev. 2 Diviżjoni 03.

2.6.3.6. Mhux speċifikat band'oħra - Ieħor

Kwantitajiet ta' fjuwils użati għal attivitajiet mhux inklużi band'oħra (bħal NACE Rev. 2 Klassi 84.22). Din il-kategorija tinkludi l-użu militari tal-fjuwil għal konsum mobbli u stazzjonarju kollu (eż. bastimenti, inġenji tal-ajru, toroq u enerġija użata f'postijiet tal-għajxien), irrispettivament minn jekk il-fjuwil ikkonsenjat huwiex għall-militar ta' dak il-pajjiż jew għall-militar ta' pajjiż ieħor. Jekk użati, kulma jiġi inkluż taħt din l-intestatura jenħtieġ li jiġi spjegat fir-rapport.

3. **PRODOTTI**

3.1. **FAĦAM (Fjuwils fossili solidi u gassijiet manifatturati)**

3.1.1. FAĦAM IEBES

Il-faħam iebes hu prodott aggregat daqs is-somma totali tal-antraċite, il-faħam tal-kokk u faħam bituminuż ieħor.

3.1.2. ANTRAĊITE

Faħam ta' livell għoli li jintuża għal applikazzjonijiet industrijali u domestiċi. Ġeneralment dan ikollu inqas minn 10 % ta' materja volatili u kontenut għoli ta' karbonju (madwar 90 % ta' karbonju fiss). Il-valur kalorifiku gross tiegħu hu aktar minn 24 000 kJ/kg fuq bażi ħielsa mill-irmied iżda niedja.

3.1.3. FAĦAM TAL-KOKK

Faħam bituminuż bi kwalità li tippermetti l-produzzjoni ta' kokk (kokk tal-fran tal-kokk) adattat biex jappoġġa ċarġ ta' fran tal-blast. Il-valur kalorifiku gross tiegħu hu aktar minn 24 000 kJ/kg fuq bażi ħielsa mill-irmied iżda niedja.

3.1.4. FAĦAM BITUMINUŻ IEĦOR

Faħam użat biex jiġi ġġenerat l-istim u li jinkludi l-faħam bituminuż kollu li la huwa inkluż taħt faħam tal-kokk u lanqas taħt l-antraċite. Hu kkaratterizzat minn materja aktar volatili mill-antraċite (aktar minn 10 %) u kontenut ta' karbonju aktar baxx (inqas minn 90 % ta' karbonju fiss). Il-valur kalorifiku gross tiegħu hu aktar minn 24 000 kJ/kg fuq bażi ħielsa mill-irmied iżda niedja.

3.1.5. FAĦAM KANNELLA

Il-faħam kannella hu prodott aggregat ugwali għas-somma totali tal-faħam subbituminuż u l-linjite.

▼M6

3.1.6. FAĦAM SUBBITUMINUŻ IEĦOR

Jirreferi għall-faħam li ma jagħqadx b'valur kalorifiku gross ta' bejn 20 000 kJ/kg u 24 000 kJ/kg li fih aktar minn 31 % ta' materja volatili fuq bażi ħielsa minn materja minerali xotta.

3.1.7. LINJITE

Faħam li ma jagħqadx b'valur kalorifiku gross ta' inqas minn 20 000 kJ/kg u ta' aktar minn 31 % ta' materja volatili fuq bażi ħielsa minn materja minerali xotta.

3.1.8. FJUWIL BIL-PRIVATTIVA

Fjuwil kompost manifatturat minn trab fin tal-faħam iebes biż-żieda ta' aġent li jgħaqqad. Għaldaqstant l-ammont ta' fjuwil bil-privattiva manifatturat jista' jkun xi ftit iżjed mill-ammont proprju ta' faħam ikkunsmat fil-proċess tat-trasformazzjoni.

3.1.9. KOKK TAL-FRAN TAL-KOKK

Il-prodott solidu miksub mill-karbonizzazzjoni tal-faħam, l-aktar tal-faħam tal-kokk, f'temperatura għolja; għandu kwantità baxxa ta' umdità u għandu materja volatili. Il-kokk tal-fran tal-kokk jintuża l-aktar fl-industrija tal-ħadid u tal-azzar, u jaġixxi bħala sors tal-enerġija u aġent kimiku.

Ir-riħ tal-kokk u l-kokk tal-funderija jridu jiġu rrapportati f'din il-kategorija.

Jenħtieġ li s-semikokk (prodott solidu miksub mill-karbonizzazzjoni tal-faħam f'temperatura baxxa) jiġi inkluż f'din il-kategorija. Is-semikokk jintuża bħala fjuwil għat-tisħin jew mill-impjant tat-trasformazzjoni nnifsu.

Din l-intestatura tinkludi wkoll il-kokk, ir-riħ tal-kokk u s-semikokk magħmul mil-linjite.

3.1.10. KOKK TAL-GASS

Prodott sekondarju tal-faħam iebes użat għall-produzzjoni tal-gass tal-ibliet f'impjanti tal-gass. Il-kokk tal-gass jintuża għal finijiet ta' tisħin.

3.1.11. QATRAN TAL-FAĦAM

Riżultat ta' distillazzjoni distruttiva tal-faħam bituminuż. Il-qatran tal-faħam hu l-prodott sekondarju likwidu tad-distillazzjoni tal-faħam biex isir il-kokk fil-proċess tal-fran tal-kokk jew jiġi prodott mill-faħam kannella ("qatran ta' temperatura baxxa").

3.1.12. BKB (MATTUNELLI TAL-FAĦAM KANNELLA)

Il-BKB hu fjuwil kompost manifatturat mil-linjite jew mill-faħam subbituminuż, magħmul billi jingħata l-forma ta' mattunelli taħt pressjoni għolja mingħajr ma jinżied l-ebda aġent li jgħaqqad, inkluż it-trab fin u t-trab tal-linjite niexef.

3.1.13. GASSIJIET MANIFATTURATI

Il-gassijiet manifatturati huma aggregat ta' prodott ugwali għas-somma totali tal-gass tal-impjanti tal-gass, il-gass tal-fran tal-kokk, il-gass tal-fran tal-blast u gassijiet irkuprati oħra.

3.1.14. GASS TAL-MANIFATTURA TAL-GASS

Ikopri t-tipi kollha ta' gassijiet magħmulin f'impjanti ta' utilità pubblika jew f'impjanti privati, bil-għan ewlieni jkun il-manifattura, it-trasport u d-distribuzzjoni tal-gass. Dan jinkludi l-gass magħmul mill-karbonizzazzjoni (inkluż il-gass magħmul mill-fran tal-kokk u trasferit għal gass tal-impjanti tal-gass), permezz tal-gassifikazzjoni

▼**M6**

totali u b'arrikkiment jew mingħajr arrikkament ta' prodotti taż-żejt (LPG, żejt tal-fjuwil residwu, eċċ.), u b'riformazzjoni u taħlit sempliċi ta' gassijiet u/jew ajra, inkluż it-taħlit ma' gass naturali li jiġi distribwit u kkonsmat tul il-grillja tal-gass naturali. Jenħtieġ li l-ammont ta' gass li jirriżulta mit-trasferimenti ta' gassijiet tal-faħam oħrajn għal gass tal-impjanti tal-gass jiġi rrapportat bħala l-produzzjoni tal-gass tal-impjanti tal-gass.

3.1.15. GASS TAL-FRAN TAL-KOKK

Il-gass tal-fran tal-kokk hu gass miksub bħala prodott sekondarju mill-manifattura tal-kokk tal-fran tal-kokk għall-produzzjoni tal-ħadid u tal-azzar.

3.1.16. GASS TAL-FRAN TAL-BLAST

Il-gass tal-fran tal-blast hu magħmul waqt il-ħruq tal-kokk fil-kalkari tal-funderija fl-industrija tal-ħadid u tal-azzar. Dan jiġi rkuprat u użat bħala fjuwil, parti minnu fl-impjant u parti oħra minnu fi proċessi oħrajn tal-industrija tal-azzar jew f'impjanti tal-enerġija mgħammra biex jaħarquh.

3.1.17. GASSIJIET IRKUPRATI OĦRAJN

Prodott sekondarju mill-produzzjoni tal-azzar f'forn tal-ossiġnu, irkuprat malli jinħareġ mill-forn. Il-gassijiet huma magħrufa wkoll bħala gass konvertitur, gass LD jew gass BOS. Jenħtieġ li l-kwantità tal-fjuwil irkuprat tiġi rrapportata fuq bażi ta' valur kalorifiku gross. Dan ikopri wkoll il-gassijiet manifatturati mhux speċifikati li ma humiex imsemmija hawn fuq, bħall-gassijiet kombustibbli b'oriġini karbonika solida rkuprati mill-manifattura u minn proċessi kimiċi mhux definiti band'oħra.

3.1.18. PIT

Il-pit hu depożitu sedimentarju li jinħaraq, li huwa artab, poruż jew kompressat, u li ġej mill-pjanti b'kontenut għoli ta' ilma (sa 90 % meta mhux proċessat), li jitqatta' faċilment, b'kulur li jvarja mill-kannella ċar għall-kannella skur. Il-pit jinkludi l-pit tat-torba u l-pit mitħun. Dan ma jinkludix il-pit użat għal finijiet li ma humiex tal-enerġija.

3.1.19. PRODOTTI TAL-PIT

Prodotti bħal mattunelli tal-pit derivati direttament jew indirettament mill-pit tat-torba u mill-pit mitħun.

3.1.20. SHALE TAŻ-ŻEJT U RAMEL TAŻ-ŻEJT

Ix-shale taż-żejt u r-ramel taż-żejt huma blat sedimentarju li jkun fih materja organika fil-forma ta' keroġenu. Il-keroġenu hu materjal tax-xama rikk fl-idrokarburi meqjus bħala prekursur taż-żejt mhux raffinat. Ix-shale taż-żejt jista' jinħaraq direttament jew jiġi pproċessat permezz tat-tisħin biex jiġi estratt iż-żejt tax-shale. Jenħtieġ li ż-żejt tax-shale u l-prodotti l-oħrajn derivati mil-likwifazzjoni jiġu rrapportati bħal idrokarburi oħra fi ħdan il-prodotti taż-żejt mhux raffinat.

3.2. **GASS NATURALI**

3.2.1. GASS NATURALI

Il-gass naturali jinkludi gassijiet li jokkorru bħala depożiti taħt l-art, likwifikati jew gassużi, li jikkonsistu l-aktar minn metan, indipendenti mill-metodu tal-estrazzjoni (konvenzjonali u mhux konvenzjonali). Jinkludi kemm gass "mhux assoċjat" li joriġina minn faċilitajiet li jipproduċu l-idrokarburi biss f'forma ta' gass, u gass "assoċjat" li ġie magħmul b'mod assoċjat maż-żejt mhux raffinat kif ukoll metanu irkuprat mill-minjieri tal-faħam (gass tal-minjieri tal-faħam tal-ħaġra u l-bini tagħha) jew minn saffi tal-faħam (gass

▼M6

tas-saffi tal-faħam). Il-gass naturali ma jinkludix il-bijogass u l-gassijiet manifatturati. It-trasferimenti ta' dawn il-prodotti lejn in-network tal-gass naturali għandhom jiġu rrapportati b'mod separat mill-gass naturali. Il-gass naturali jinkludi l-gass naturali likwifikat (l-LNG) u l-gass naturali kompressat (is-CNG).

3.3. **ELETTRIKU U SĦANA**

3.3.1. ELETTRIKU

L-elettriku jirreferi għat-trasferiment tal-enerġija permezz tal-fenomenu fiżiku li jinvolvi ċarġis elettriċi u l-effetti tagħhom meta jkunu weqfin u qed jiċċaqilqu. Għandu jiġi rrapportat l-elettriku kollu li jintuża, li jsir u li jiġi kkonsmat, inkluż dak barra n-network (off-grid) u awtokkonsmat. L-elettriku lil hinn mill-grilja jiġi prodott minn installazzjonijiet li ma jkunux konnessi mill-grilja mill-perspettiva tal-produzzjoni; l-installazzjoni ma tistax tintroduċi l-elettriku prodott fil-grilja. L-elettriku awtokkonsmat huwa l-elettriku kkunsmat mill-produttur qabel ma jiġi mpoġġi fil-grilja.

3.3.2. SĦANA (SĦANA DERIVATA)

Is-sħana tirreferi għall-enerġija miksuba mill-moviment translazzjonali, rotazzjonali u vibrazzjonali tal-kostitwenti tal-materja kif ukoll minn tibdil fl-istat fiżiku tagħha. Trid tiġi rrapportata s-sħana kollha maħluqa, għajr is-sħana magħmula mill-awtoprodutturi għall-użu tagħhom stess u mhux mibjugħa; il-forom l-oħrajn kollha tas-sħana huma rrapportati bħala użu ta' prodotti li minnhom ġiet magħmula s-sħana.

3.4. **ŻEJT (żejt mhux raffinat u prodotti taż-żejt mhux raffinat)**

3.4.1. ŻEJT MHUX RAFFINAT

Iż-żejt mhux raffinat hu żejt minerali b'oriġini naturali li jinkludi taħlita ta' idrokarburi u impuritajiet assoċjati, bħall-kubrit. Jeżisti fil-fażi likwida b'temperatura u bi pressjoni normali tas-superfiċje u l-karatteristiċi fiżiċi tiegħu (id-densità, il-viskożità, eċċ.) ivarjaw ferm. Din il-kategorija tinkludi l-kondensati tal-impjant tat-trattament jew taż-żona ta' sfruttament irkuprati minn gassijiet assoċjati jew mhux assoċjati fejn jitħalltu mal-fluss taż-żejt kummerċjali mhux raffinat. Il-kwantitajiet jenħtieġ li jiġu rrapportati indipendentement mill-metodu ta' estrazzjoni (konvenzjonali u mhux konvenzjonali). Iż-żejt mhux raffinat jeskludi l-NGL.

3.4.2. LIKWIDI TA' GASS NATURALI (NGL)

L-NGL huma idrokarburi likwidi jew likwifikati rkuprati minn gass naturali f'faċilitajiet tas-separazzjoni jew f'impjanti tal-ipproċessar tal-gass. L-NGL jinkludu l-etanu, il-propan, il-butan (normali u iso-), l-(iso) pentan u l-pentani plus (xi drabi msejjaħ gażolina naturali jew kondensat tal-impjant).

3.4.3. MATERJA PRIMA TAR-RAFFINERIJI

Materja prima tar-raffineriji hi żejt ipproċessat maħsub għal aktar ipproċessar (eż. żejt tal-fjuwil tad-distillazzjoni diretta jew żejt tal-gass tal-vakwu) għajr għat-taħlit. B'aktar ipproċessar, din tinbidel f'komponent wieħed jew aktar u/jew fi prodotti finali. Din id-definizzjoni tkopri wkoll il-prodotti li jgħaddu lura mill-industrija petrokimika għall-industrija tar-raffinar (eż. il-gażolina bil-piroliżi, il-frazzjonijiet C4, iż-żejt tal-fjuwil u l-frazzjonijiet taż-żejt tal-gass).

3.4.4. ADDITTIVI/OSSIĠENATI

L-addittivi huma sustanzi mhux idrokarburi miżjuda jew imħallta ma' prodotti taż-żejt mhux raffinat biex jimmodifikaw il-proprjetajiet tagħhom (ottan, ċetan, proprjetajiet kesħin, eċċ.). L-addittivi jinkludu l-ossiġenati (bħall-alkoħol (il-metanol, l-etanol), l-ethers

▼M6

(il-metil-terz-butil-etere (MTBE), l-etil-terz-butil-etere (l-ETBE), it-terz-amilmetiletere (TAME) eċċ.), l-esteri (iż-żejt tal-kolza jew id-dimetilester, eċċ.), il-komposti kimiċi (bħaċ-ċomb tetrametil (TML), iċ-ċomb tetraetile (TEL) u d-deterġenti). Il-kwantitajiet ta' addittivi/ossiġenati (alkoħol, eteri, esteri u komposti kimiċi oħra) irrapportati f'din il-kategorija jenħtieġ li jkunu relatati mal-kwantitajiet imħallta mal-fjuwils jew għall-użu tal-fjuwil. Din il-kategorija tinkludi l-bijofjuwils li huma mħallta ma' fjuwils fossili likwidi.

3.4.5. BIJOFJUWILS F'ADDITTIVI/OSSIĠENATI

Il-kwantitajiet tal-bijofjuwils likwidi rrapportati f'din il-kategorija għandhom x'jaqsmu mal-bijofjuwils likwidi mħallta u jirreferu biss għall-porzjon tal-bijofjuwil likwidu u mhux għall-volum totali tal-likwidi li fihom jiġu mħallta l-bijofjuwils. Dawn jeskludu l-bijofjuwils likwidi kollha li ma jkunux tħalltu.

3.4.6. IDROKARBURI OĦRA

Żejt mhux raffinat sintetiku mir-ramel tal-qatran, żejt tax-shale, eċċ., likwidi mil-likwefazzjoni tal-faħam, il-produzzjoni ta' likwidi mill-konverżjoni tal-gass naturali f'gażolina, idroġenu u żjut emulsifikati (eż. orimulsjoni); għajr ix-shale taż-żejt; inkluż iż-żejt tax-shale (prodott sekondarju).

3.4.7. PRODOTTI TAŻ-ŻEJT MHUX RAFFINAT

Il-prodotti taż-żejt mhux raffinat huma prodott aggregat ugwali għas-somma totali ta' gass tar-raffineriji, etan, gassijiet likwifikati miż-żejt, nafta, gażolina tal-magni, gażolina tal-avjazzjoni, fjuwil tal-ġett tat-tip tal-gażolina, fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju, pitrolju ieħor, żejt tal-gass/diżil, żejt kombustibbli, spirtu abjad u SPB, lubrikanti, bitumen, xama tal-paraffina, kokk taż-żejt mhux raffinat u prodotti oħra.

3.4.8. GASS TAR-RAFFINERIJI

Il-gass tar-raffineriji jinkludi taħlita ta' gassijiet mhux kondensati li tikkonsisti l-aktar f'idroġenu, metan, etan u olefini miksuba waqt id-distillazzjoni taż-żejt mhux raffinat jew it-trattament ta' prodotti taż-żejt (eż. cracking) f'raffineriji. Dan jinkludi wkoll il-gassijiet li ritornati lura mill-industrija petrokimika.

3.4.9. ETAN

Idrokarbonu ta' katina miftuħa u bil-gass naturali ($C_2H_6$) estratt minn flussi ta' gass naturali u ta' gass prodott f'raffineriji.

3.4.10. GASSIJIET LIKWIFIKATI MIŻ-ŻEJT MHUX MAĦDUM (LPG)

L-LPG huma idrokarburi paraffiniċi ħfief derivati mill-impjanti tal-proċessi tar-raffineriji, tal-istabbilizzazzjoni taż-żejt mhux raffinat u tal-ipproċessar tal-gass naturali. Dawn jikkonsistu prinċipalment minn propan ($C_3H_8$) u butan ($C_4H_{10}$) jew taħlita tat-tnejn. Jistgħu jinkludu wkoll il-propilen, il-butilen, l-isopropilen u l-isobutilen. L-LPG normalment ikunu likwifikati bi pressjoni għat-trasport u għall-ħażna.

3.4.11. NAFTA

In-nafta hi materja prima maħsuba għall-industrija petrokimika (eż. il-manifattura tal-etilen jew il-produzzjoni tal-aromatiċi) jew għall-produzzjoni tal-gażolina bir-riforma jew bl-iżomerizzazzjoni fir-raffinerija. In-nafta tinkludi l-materjal fil-medda tad-distillazzjoni ta' bejn it-30 °C u l-210 °C jew f'xi parti minn din il-medda.

▼M6

3.4.12. GAŻOLINA TAL-MAGNi

Il-gażolina tal-magni tikkonsisti f'taħlita ta' idrokarburi ħfief li jiddistillaw bejn 35 °C u 215 °C. Din tintuża bħala fjuwil għall-magni fl-art ta' tqabbid bi spark. Il-gażolina tal-magni tista' tinkludi addittivi, ossiġenati u aġenti li jtejbu l-ottan, inkluż komposti taċ-ċomb. Tinkludi komponenti ta' taħlit tal-gażolina tal-magni (għajr addittivi/ossiġenati), eż. alkilati, gażolina iżomerata, gażolina riformata, gażolina cracked maħsuba biex tintuża bħala gażolina tal-magni finali. Il-gażolina tal-magni hi prodott aggregat ugwali għas-somma totali tal-bijogażolina mħallta (bijogażolina fil-gażolina tal-magni) u tal-gażolina mhux bijoloġika.

3.4.12.1. Bijogażolina mħallta (bijogażolina fil-gażolina tal-magni)

Bijogażolina li ġiet imħallta fil-gażolina tal-magni.

3.4.12.2. Gażolina mhux bijoloġika

Il-parti li jibqa' mill-gażolina tal-magni — gażolina tal-magni mingħajr il-bijogażolina mħallta (fil-biċċa l-kbira din hi gażolina tal-magni b'oriġini fossili).

3.4.13. GAŻOLINA TAL-AVJAZZJONI

Spirtu tal-magni mħejji speċjalment għall-magni bil-pistuni tal-avjazzjoni, b'numru ta' ottan adatt għall-magna, punt tal-iffriżar ta' – 60 °C u medda ta' distillazzjoni ġeneralment fil-limiti bejn 30 °C u 180 °C.

3.4.14. FJUWIL TAL-ĠETT TAT-TIP TAL-GAŻOLINA (FJUWIL TAL-ĠETT TAT-TIP NAFTA JEW JP4)

Dan jinkludi ż-żjut tal-idrokarbur ħafif kollha għall-użu f'unitajiet tal-enerġija tat-turbini tal-avjazzjoni, li jiddistillaw bejn il-100 °C u l-250 °C. Dawn jinkisbu b'taħlita ta' pitrolji u gażolina jew nafti b'tali mod li l-kontenut aromatiku ma jkunx jaqbeż il-25 % f'volum, u l-pressjoni tal-fwar tkun bejn it-13,7 kPa u l-20,6 kPa.

3.4.15. FJUWIL TAL-ĠETT TAT-TIP TAL-PITROLJU

Distillat użat għall-unitajiet tal-enerġija tat-turbini tal-avjazzjoni. Għandu l-istess karatteristiċi tad-distillazzjoni ta' bejn il-150 °C u t-300 °C (ġeneralment mhux aktar minn 250 °C) u punt ta' fjammabbiltà bħall-pitrolju. Barra minn hekk, ċerti speċifikazzjonijiet partikolari tiegħu (bħall-punt tal-iffriżar) jiġu stabbiliti mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru. Jinkudi komponenti tat-taħlit tal-pitrolju. Fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju hu prodott aggregat ugwali għas-somma totali ta' pitrolju bijoloġiku tal-ġett imħallat (pitrolju bijoloġiku tal-ġett fi fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju) u pitrolju mhux bijoloġiku tal-ġett.

3.4.15.1. Pitrolju bijoloġiku tal-ġett imħallat (pitrolju bijoloġiku tal-ġett fi fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju)

Pitrolju bijoloġiku tal-ġett li tħallat fi fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju.

3.4.15.2. Pitrolju tal-ġett mhux bijoloġiku

Il-parti li jibqa' mill-fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju - fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju għajr il-pitrolju bijoloġiku tal-ġett imħallat (fil-biċċa l-kbira dan hu fjuwil tal-ġett tat-tip tal-pitrolju b'oriġini fossili).

3.4.16. PITROLJU IEĦOR

Distillat taż-żejt mhux raffinat irfinut li jintuża f'setturi għajr fit-trasport bl-inġenji tal-ajru. Jiddistilla bejn il-150 °C u t-300 °C.

▼M6

3.4.17. ŻEJT TAL-GASS/DIŻIL (ŻEJT TAL-FJUWIL IDDISTILLAT)

Żejt tal-gass/diżil hu primarjament distillat medju li jiddistilla b'temperatura ta' bejn il-180 °C u t-380 °C. Jinkludi komponenti tat-taħlit. Jinstab f'diversi gradi, u jiddependi mill-użi. Iż-żejt tal-gass/-diżil jinkludi żejt tad-diżil għat-triq għal magni diżil tal-karozzi u t-trakkijiet li jaqbdu bil-kompressjoni. Iż-żejt tal-gass/diżil jinkludi żejt ħafif għat-tisħin għal użi industrijali u kummerċjali, diżil marittimu u diżil użat fit-traffiku tal-ferroviji, żejt tal-gass ieħor li jinkludi żjut tal-gass tqal oħra li jiddistillaw bejn it-380 °C u l-540 °C u li jintużaw bħala materja prima petrokimika. Iż-żejt tal-gass/diżil hu prodott aggregat ugwali għas-somma totali ta' bijodiżils imħallta (bijodiżils fiż-żejt tal-gass/diżil) u diżils mhux bijoloġiċi.

3.4.17.1. Bijodiżils imħallta (bijodiżils fiż-żejt tal-gass/diżil)

Bijodiżils li tħalltu fiż-żejt tal-gass/diżil.

3.4.17.2. Bijodiżils mhux bijoloġiċi

Il-parti li jibqa' miż-żejt tal-gass/diżil - żejt tal-gass/diżil għajr il-bijodiżils imħallta (fil-biċċa l-kbira dan hu żejt tal-gass/diżil b'oriġini fossili).

3.4.18. ŻEJT TAL-FJUWIL (ŻEJT TAL-FJUWIL TQIL)

Iż-żjut tal-fjuwil (tqal) residwi kollha (inkluż dawk miksuba bit-taħlit). Il-viskożità kinematika hi aktar minn 10 cSt f'temperatura ta' 80 °C. Il-punt ta' fjammabbiltà huwa dejjem aktar minn 50 °C u d-densità hija dejjem aktar minn 0,90 kg/l. Iż-żejt tal-fjuwil hu prodott aggregat ugwali għas-somma totali ta' żejt tal-fjuwil b'kontenut baxx ta' kubrit u żejt tal-fjuwil b'kontenut għoli ta' kubrit.

3.4.18.1. Żejt tal-fjuwil b'kontenut baxx ta' kubrit (LSFO)

Żejt tal-fjuwil b'kontenut ta' kubrit inqas minn 1 %.

3.4.18.2. Żejt tal-fjuwil b'kontenut għoli ta' kubrit (HSFO)

Żejt tal-fjuwil b'kontenut ta' kubrit ta' 1 % jew aktar.

3.4.19. SPIRTU ABJAD U SBP

L-ispirtu abjad u l-SBP huma definiti bħala intermedji tad-distillat irfinut b'distillazzjoni fil-medda tan-nafta/tal-pitrolju. Dawn jinkludu l-ispirtu industrijali (imsejjaħ ukoll SBP; żjut ħfief li jiddistillaw bejn it-30 °C u l-200 °C f'7 jew fi 8 gradi ta' spirtu industrijali, skont il-pożizzjoni tal-qatgħa fil-medda tad-distillazzjoni - il-gradi huma definiti skont id-differenza fit-temperatura bejn il-punti tad-distillazzjoni b'volum ta' 5 % u b'volum ta' 90 %, li ma tkunx aktar minn 60 °C) u l-ispirti bojod (l-ispirtu industrijali b'punt ta' fjammabbiltà 'l fuq minn 30 °C u l-medda tad-distillazzjoni tkun bejn il-135 °C u l-200 °C).

3.4.20. LUBRIKANTI

Idrokarburi prodotti mill-prodott sekondarju tad-distillat. Dawn jintużaw l-aktar biex tonqos il-frizzjoni bejn is-superfiċji li jġorru l-piżijiet. Jinkludu l-gradi maħduma kollha taż-żejt tal-lubrikazzjoni, miż-żejt tal-fus saż-żejt taċ-ċilindri, u dawk kollha li jintużaw fil-griżijiet, fiż-żjut tal-magni u fil-gradi kollha tal-istokkijiet b'bażi taż-żejt tal-lubrikazzjoni.

▼M6

3.4.21. BITUM

Idrokarbur solidu, semi-solidu jew viskuż bi struttura kollojdali, li l-kulur tiegħu jvarja mill-kannella għall-iswed, miksub bħala residwu fid-distillazzjoni taż-żejt mhux raffinat, bid-distillazzjoni f'vakwu tar-residwi taż-żejt minn distillazzjoni atmosferika. Il-bitumen ta' spiss jissejjaħ asfalt u jintuża l-aktar għall-bini tat-toroq u għal materjal tas-soqfa. Jinkludi l-bitumen fluwidizzat u l-bitumen ridott.

3.4.22. XAMA' TAL-PARAFFINA

Dawn huma idrokarburi alifatiċi saturati. Din ix-xama hi residwi estratti bi tneħħija tax-xama miż-żjut tal-lubrikazzjoni. Għandhom struttura kristallina li hija ftit jew wisq fina skont il-grad. Il-karatteristiċi ewlenin tagħhom huma dawn li ġejjin: mingħajr kulur, mingħajr riħa u trasluċidi, b'punt tat-tidwib aktar minn 45 °C.

3.4.23. KOKK TAŻ-ŻEJT MHUX RAFFINAT

Prodott sekondarju iswed u solidu, miksub l-aktar bit-tfarrik u bil-karbonizzazzjoni ta' materja prima dderivata miż-żejt mhux raffinat, mill-qigħan bil-vakwu, mill-qatran u miż-żiftijiet fi proċessi bħall-ikkokkjar imdewwem jew l-ikkokkjar fluwidu. Jikkonsisti prinċipalment mill-karbonju (90 sa 95 %) u għandu kontenut baxx ta' rmied. Jintuża bħala materja prima fil-fran tal-kokk għall-industrija tal-azzar, għal finijiet ta' tisħin, għall-manifattura tal-elettrodi u għall-produzzjoni tal-kimiċi. L-aktar żewġ kwalitajiet importanti huma "il-kokk l-aħdar" u "il-kokk kalċinat". Jinkludi "il-kokk katalist" depożitat fuq il-katalista tul il-proċessi tar-raffinar; dan il-kokk ma jistax jiġi rkuprat u ġeneralment jinħaraq bħala fjuwil tar-raffineriji.

3.4.24. PRODOTTI OĦRAJN

Il-prodotti l-oħra kollha li ma jissemmewx b'mod speċifiku hawn fuq, pereżempju: il-qatran u l-kubrit. Jinkludu l-aromatiċi (eż. il-BTX jew il-benżen, it-toluwen u l-ksilen) u l-olefini (eż. il-propilen) magħmulin fir-raffineriji.

3.5. **ENERĠIJA RINNOVABBLI U ENERĠIJA MILL-ISKART**

3.5.1. IDRO

L-enerġija potenzjali u kinetika tal-ilma kkonvertita f'elettriku fl-impjanti idroelettriċi. L-idro hu prodott aggregat ugwali għas-somma totali ta' impjanti idro puri, impjanti idro mħallta u impjanti ta' ħżin ippompjat pur.

3.5.1.1. Impjanti idro puri

L-impjanti idro li jużaw biss fluss 'il ġewwa ta' ilma naturali dirett u li ma għandhom l-ebda kapaċità għal ħażna bil-pompa idro (li tippompja l-ilma 'l fuq).

3.5.1.2. Impjanti idro mħallta

L-impjanti idro bi fluss 'il ġewwa ta' ilma naturali f'riżerva ta' fuq fejn parti mit-tagħmir jew it-tagħmir kollu jista' jintuża għall-ippumpjar tal-ilma 'l fuq; l-elettriku ġġenerat hu konsegwenza tal-fluss 'il ġewwa tal-ilma naturali kif ukoll tal-ilma li qabel ikun ġie ppumpjat 'il fuq.

3.5.1.3. Impjanti ta' ħżin ippompjat puri

L-impjanti idro li ma jkollhom l-ebda fluss 'il ġewwa ta' ilma naturali fir-riżerva ta' fuq; il-maġġoranza l-kbira tal-ilma li jiġġenera l-elettriku ikun ġie ppumpjat 'il fuq qabel; għajr l-ilma tax-xita u tal-borra.

▼M6

3.5.2. ENERĠIJA ĠEOTERMALI

L-enerġija disponibbli bħala sħana emessa minn ġol-qoxra tad-dinja, ġeneralment fil-forma ta' ilma sħun jew stim; għajr is-sħana ambjentali maħkuma minn pompi tas-sħana bis-sors tas-sħana mill-art. Il-produzzjoni tal-enerġija ġeotermali hija d-differenza bejn l-entalpija tal-fluwidu magħmul fil-ħofra għall-ilma tal-produzzjoni u dik tal-fluwidu li eventwalment jintrema.

3.5.3. SOLARI

Is-solari hu prodott aggregat ugwali għas-somma totali ta' fotovoltajċi solari u termali solari.

3.5.3.1. Fotovoltajċi solari

Id-dawl tax-xemx ikkonvertit f'elettriku bl-użu ta' ċelluli solari li meta esposti għad-dawl jiġġeneraw l-elettriku. Irid jiġi rrapportat l-elettriku kollu magħmul (inkluż il-produzzjoni fuq skala żgħira u l-installazzjonijiet barra n-network).

3.5.3.1.1. Saqaf

Irrapporta hawnhekk il-kwantità ta' enerġija prodotta minn pannelli fotovoltajċi solari li jinsabu fuq strutturi tal-bini li għandhom skop primarju ieħor mill-produzzjoni tal-enerġija. Dan jinkludi wkoll l-FVIB (PV integrata fil-bini), fejn il-pannelli PV ma jkunux fuq is-saqaf, iżda eż. ikunu mwaħħla mal-bini. Il-pannelli solari PV ma jitqisux bħala saqaf jekk jitqiegħdu f'żona wiesgħa, fuq l-art, bħall-konsum ta' spazju żejjed (eż. żoni agrikoli).

3.5.3.1.2. Barra mill-grilja

Irrapporta hawnhekk dawk li jkunu lil hinn mill-grilja kif iddefinit fl-Anness A, 3.3.1.

3.5.3.2. Termal solari

Is-sħana mir-radjazzjoni tax-xemx (id-dawl tax-xemx) sfruttata għal finijiet ta' enerġija utli. Bħala eżempju, din tinkludi l-impjanti termoelettriċi solari u s-sistemi attivi tal-produzzjoni tal-ilma sħun sanitarju jew tat-tisħin tal-ispazju fil-binjiet. Din il-produzzjoni tal-enerġija hija s-sħana disponibbli għall-mezz tat-trasferiment tas-sħana, jiġifieri l-enerġija inċidentali solari mingħajr it-telf ottiku u tal-kolletturi. L-enerġija solari maqbuda minn sistemi passivi tat-tisħin, tat-tkessiħ u tat-tidwil tal-bini ma għandhiex tiġi inkluża; għandha tiġi inkluża biss l-enerġija solari relatata mas-sistemi attivi.

3.5.4. MAREA, MEWĠ, OĊEAN

L-enerġija mekkanika dderivata mill-moviment tal-marea, mill-moviment tal-mewġ jew mill-kurrent tal-oċean u sfruttata għall-ġenerazzjoni tal-elettriku.

3.5.5. RIĦ

L-enerġija kinetika tar-riħ sfruttata għall-ġenerazzjoni tal-elettriku fit-turbini tar-riħ. Ir-riħ huwa prodott aggregat ugwali għas-somma ta' riħ fuq l-art u riħ lil hinn mill-kosta.

3.5.5.1. Riħ fuq l-art

Il-produzzjoni tal-elettriku mir-riħ f'postijiet fuq l-art (internament, inkluż il-lagi u ilmijiet interni oħra).

▼M6

3.5.5.2. Riħ lil hinn mill-kosta

Il-produzzjoni ta' elettriku f'postijiet lil hinn mill-kosta (eż. baħar, oċean u gżejjer artifiċjali). Fir-rigward tal-produzzjoni tar-riħ lil hinn mill-kosta 'il barra mill-ilmijiet territorjali tat-territorju kkonċernat, jenħtieġ li jitqiesu l-installazzjonijiet kollha li jinsabu fiż-żona ekonomika esklussiva ta' pajjiż.

3.5.6. SKART INDUSTRIJALI (IL-PORZJON MHUX RINNOVABBLI)

Għandu jiġi rrapportat l-iskart b'oriġini industrijali mhux rinnovabbli li jiġi maħruq direttament f'installazzjonijiet speċifiċi għal finijiet ta' enerġija sinifikanti. Jenħtieġ li l-kwantità tal-fjuwil użat tiġi rrapportata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett. L-iskart inċinerat mingħajr irkupru ta' enerġija hu eskluż. Jenħtieġ li l-porzjon rinnovabbli tal-iskart industrijali jiġi rrapportat fil-kategorija tal-bijofjuwils li tiddeskrivih l-aħjar.

3.5.7. SKART MUNIĊIPALI:

L-iskart iġġenerat mid-djar, mill-isptarijiet u mis-settur terzjarju (b'mod ġenerali l-iskart kollu li jixbah l-iskart mid-djar), li jinħaraq direttament f'installazzjonijiet speċifiċi għal finijiet ta' enerġija sinifikanti. Jenħtieġ li l-kwantità tal-fjuwil użat tiġi rrapportata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett. L-iskart inċinerat mingħajr irkupru ta' enerġija hu eskluż. L-iskart muniċipali hu prodott aggregat ugwali għas-somma totali tal-iskart muniċipali rinnovabbli u l-iskart muniċipali mhux rinnovabbli.

3.5.7.1. Skart muniċipali rinnovabbli

Il-porzjon tal-iskart muniċipali li għandu oriġini bijoloġika.

3.5.7.2. Skart muniċipali mhux rinnovabbli

Il-porzjon tal-iskart muniċipali li għandu oriġini mhux bijoloġika.

3.5.8. BIJOFJUWILS

Il-bijofjuwils huma prodott aggregat ugwali għas-somma totali ta' bijofjuwils solidi, bijogass u bijofjuwils likwidi. Il-bijofjuwils użati għal finijiet mhux ta' enerġija huma esklużi mill-ambitu tal-istatistika dwar l-enerġija (pereżempju l-injam użat għall-kostruzzjoni jew għall-għamara, il-bijolubrikanti għal lubrikazzjoni tal-magni u l-bijobitumen użat għall-kisi tal-uċuħ tat-toroq).

3.5.8.1. Bijofjuwils solidi

Ikopru l-materjal organiku solidu, mhux fossili b'oriġini bijoloġika (magħruf ukoll bħala l-bijomassa) li jista' jintuża bħala fjuwil għall-produzzjoni tas-sħana jew għall-ġenerazzjoni tal-elettriku. Il-bijofjuwils solidi huma prodott aggregat ugwali għas-somma totali ta' faħam tal-kannol, injam li jintuża bħala fjuwil, residwi u prodotti sekondarji tal-injam, likur iswed, bagasse, skart mill-annimali, materjali u residwi veġetali oħra u frazzjoni rinnovabbli tal-iskart industrijali.

3.5.8.1.1. Faħam tal-Kannol

Il-faħam tal-kannol huwa fjuwil immanifatturat minn bijofjuwils solidi - ir-residwu solidu tad-distillazzjoni distruttiva u l-piroliżi tal-injam u materjal veġetali ieħor.

3.5.8.1.2. Injam li jintuża bħala fjuwil, residwi u prodotti sekondarji tal-injam

L-injam li jintuża bħala fjuwil jew injam għall-ħruq (fil-forma ta' zkuk, frieghi mejtin, gerbub jew biċċiet tal-injam) miksub minn foresti naturali jew ġestiti jew minn siġar iżolati. Jinkludi r-residwi tal-injam użati bħala fjuwil u li jżommu l-kompożizzjoni oriġinali tal-injam; jinkludi l-gerbub tal-injam. Il-karbonju u l-likur iswed huma esklużi. Jenħtieġ li l-kwantità tal-fjuwil użat tiġi rrapportata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett.

▼M6

3.5.8.1.2.1. Gerbub tal-injam

Il-gerbub tal-injam hu prodott ċilindriku li ġie agglomerat minn residwi tal-injam permezz tal-kompressjoni.

3.5.8.1.3. Likur iswed

L-enerġija mil-likur mingħajr alkalina miksuba mid-diġesturi tul il-produzzjoni ta' kubrit jew polpa tas-soda meħtieġa għall-manifattura tal-karta. Jenħtieġ li l-kwantità tal-fjuwil użat tiġi rrapportata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett.

3.5.8.1.4. Bagasse

Il-fjuwil miksub mill-fibra li tibqa' wara l-estrazzjoni tal-meraq fl-ipproċessar tal-kannamiela. Jenħtieġ li l-kwantità tal-fjuwil użat tiġi rrapportata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett.

3.5.8.1.5. Skart tal-annimali

L-enerġija mir-rawt tal-annimali, mir-residwi tal-laħam u l-ħut li meta jinxfu jintużaw direttament bħala fjuwil. Dan jeskludi l-iskart użat fl-impjanti tal-fermentazzjoni anaerobika. Il-gassijiet tal-fjuwil minn dawn l-impjanti jinkludihom taħt Bijogassijiet. Jenħtieġ li l-kwantità tal-fjuwil użat tiġi rrapportata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett.

3.5.8.1.6. Residwi u materjali veġetali oħrajn

Il-bijofjuwils mhux speċifikati band'oħra, inkluż it-tiben, il-qxur tal-ħaxix, il-qxur tal-ġewż mitħun, il-frieghi mejta miżbura, ir-residwi taż-żebbuġ u skart ieħor li joħroġ mill-manutenzjoni, mill-qtugħ u mill-ipproċessar tal-pjanti. Jenħtieġ li l-kwantità tal-fjuwil użat tiġi rrapportata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett.

3.5.8.1.7. Porzjoni rinnovabbli tal-iskart industrijali

Il-porzjon rinnovabbli solidu tal-iskart industrijali maħruq direttament f'installazzjonijiet speċifiċi għal finijiet ta' enerġija sinifikattiva (pereżempju iżda mhux biss, il-porzjon tal-lastiku naturali fit-tajers tal-lastiku mormija jew il-porzjon tal-fibri naturali fl-iskart tessili – mill-kategoriji tal-iskart 07.3 u 07.6, rispettivament, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 dwar l-istatistika tal-iskart). Jenħtieġ li l-kwantità tal-fjuwil użat tiġi rrapportata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett.

3.5.8.2. Bijogass

Gass li fih l-aktar metan u dijossidu tal-karbonju, magħmul b'diġestjoni anaerobika tal-bijomassa jew bi proċessi termali mill-bijomassa, inkluż il-bijomassa fl-iskart. Jenħtieġ li l-kwantità tal-fjuwil użat tiġi rrapportata fuq bażi ta' valur kalorifiku nett. Il-bijogass hua prodott aggregat ugwali għas-somma totali ta' gass tal-miżbliet, gass tal-ħama tad-dranaġġ, bijogassijiet oħra mid-diġestjoni anaerobika u bijogassijiet minn proċessi termali.

3.5.8.2.1. Gass tal-miżbliet

Il-bijogass magħmul mid-diġestjoni anaerobika tal-iskart tal-miżbliet.

3.5.8.2.2. Gass tal-ħama tad-dranaġġ

Il-bijogass magħmul mill-fermentazzjoni anerobika tal-ħama tad-dranaġġ.

▼M6

3.5.8.2.3. Bijogassijiet oħra mid-diġestjoni anaerobika

Il-bijogass magħmul mill-fermentazzjoni anaerobika tal-islurries tal-annimali u tal-iskart tal-biċċeriji, tal-birreriji u ta' industriji agro-alimentari oħra.

3.5.8.2.4. Bijogassijiet minn proċessi termali

Il-bijogass magħmul minn proċessi termali (b'gassifikazzjoni jew piroliżi) tal-bijomassa.

3.5.8.3. Bijofjuwils likwidi

Din il-kategorija tinkludi l-fjuwils likwidi kollha b'oriġini naturali (eż. prodotti mill-bijomassa u/jew il-frazzjoni tal-iskart bijodegradabbli), adattati biex jitħalltu ma' fjuwils b'oriġini fossili jew biex jissostitwuhom. Il-kwantitajiet tal-bijofjuwils likwidi rrapportati f'din il-kategorija jenħtieġ li jkunu jinkludu l-kwantitajiet tal-bijofjuwil pur li ma jkunux tħalltu mal-fjuwils fossili. Għall-każ partikolari tal-importazzjonijiet u tal-esportazzjonijiet tal-bijofjuwils likwidi, hu rilevanti biss il-kummerċ tal-kwantitajiet li ma tħalltux mal-fjuwils tat-trasport (jiġifieri fil-forma pura tagħhom); il-kummerċ tal-bijofjuwils likwidi mħalltin fil-fjuwils tat-trasport jenħtieġ li jiġi rrapportat fil-kategorija tal-prodotti taż-żejt. Iridu jiġu rrapportati biss il-bijofjuwils likwidi użati għal finijiet ta' enerġija - maħruqa direttament jew imħallta mal-fjuwils fossili. Il-bijofjuwils likwidi huma prodott aggregat ugwali għas-somma totali tal-bijogażolina, il-bijodiżils, il-pitrolju bijoloġiku tal-ġett u bijofjuwils likwidi oħra.

3.5.8.3.1. Biogażolina

Il-bijofjuwils likwidi adattati biex jitħalltu mal-gażolina tal-magni minn oriġini fossili jew biex jissostitwuha.

3.5.8.3.1.1. Bijoetanol

L-etanol bħala parti mill-bijogażolina.

3.5.8.3.2. Bijodiżils

Il-bijofjuwils likwidi adattati biex jitħalltu maż-żejt tal-gass/diżil minn oriġini fossili jew biex jissostitwuh.

3.5.8.3.3. Pitrolju bijoloġiku tal-ġett

Il-bijofjuwils likwidi adattati biex jitħalltu mal-pitrolju tal-ġett minn oriġini fossili jew biex jissostitwuh.

3.5.8.3.4. Bijofjuwils likwidi oħrajn

Il-bijofjuwils likwidi li ma huma inklużi fl-ebda waħda mill-kategoriji preċedenti.

3.5.9. Sħana ambjentali

L-enerġija termali f'livell ta' temperatura utli estratta (maqbuda) permezz ta' pompi tas-sħana li għandhom bżonn l-elettriku jew enerġija awżiljarja oħra biex jaħdmu. Din l-enerġija termali tista' tinħażen fl-arja ambjentali, taħt il-wiċċ ta' art solida jew fl-ilma tas-superfiċje. Il-valuri jenħtieġ li jiġu rrapportati bl-istess metodoloġija bħal dik użata għar-rapportar tal-enerġija tas-sħana maqbuda minn pompi tas-sħana skont id-Direttiva 2009/28/KE u d-Direttiva (UE) 2018/2001, iżda jridu jiġu inklużi l-pompi tas-sħana kollha irrispettivament mil-livell ta' prestazzjoni tagħhom.

3.6. **Idroġenu**

L-idroġenu użat bħala materja prima, fjuwil jew trasportatur/ħżin tal-enerġija jrid jiġi rrapportat. L-idroġenu kollu jrid jiġi rrapportat, irrispettivament minn jekk jinbiegħx jew le. Meta jkun f'taħlita, l-idroġenu jenħtieġ li jiġi rrapportat biss meta jkun il-komponent ewlieni bi grad għoli ta' purità.

▼**M6**

*ANNESS B*

**STATISTIKA ANNWALI DWAR L-ENERGIJA**

Dan l-Anness jiddeskrivi l-kamp ta' applikazzjoni, l-unitajiet, il-perjodu rrapportat, il-frekwenza, l-iskadenza u l-modalitajiet ta' trazmissjoni ghall-gbir annwali tal-istatistika dwar l-energija.

Sakemm mhux specifikat mod iehor, id-dispozizzjonijiet li gejjin japplikaw ghall-gbir tad-*data* kollu specifikat f'dan l-Anness:

(a) Perjodu rrapportat: Il-perjodu rrapportat ta' *data* ddikjarata ghandu jkun sena kalendarja (mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Dicembru), bil-bidu jkun is-sena ta' referenza 2022.

(b) Frekwenza: Id-*data* jenhtieg li tigi ddikjarata fuq bazi annwali.

(c) Skadenza ghat-trazmissjoni ta' *data*: Id-*data* jenhtieg li tintbaghat sal-31 ta' Ottubru tas-sena wara s-sena rrapportata, sakemm ma jkunx specifikat mod iehor.

(d) Format tat-trazmissjoni: Il-format tat-trazmissjoni jenhtieg li jikkonforma mal-istandard tal-iskambju rilevanti specifikat mill-Eurostat.

(e) Metodu ta' trazmissjoni: Id-*data* jenhtieg li tintbaghat jew tittella' b'mezzi elettronici fil-punt uniku tad-dhul tad-*data* tal-Eurostat.

L-Anness A jipprovdi spjegazzjonijiet tat-termini mhux spjegati f'dan l-anness.

1. **FJUWILS FOSSILI SOLIDI U GASSIJIET MANIFATTURATI**

1.1. **Prodotti tal-energija applikabbli**

Sakemm ma jkunx specifikat mod iehor, dan il-gbir tad-data japplika ghall-prodotti kollha tal-energija elenkati fl-Anness A, il-Kapitolu 3.1. FAHAM (Fjuwils fossili solidi u gassijiet manifatturati).

1.2. **Lista ta' aggregati**

Sakemm ma jkunx specifikat mod iehor, il-lista ta' aggregati li gejja trid tigi ddikjarata ghall-prodotti kollha tal-energija elenkati fil-paragrafu precedenti.

1.2.1. PROVVISTA

1.2.1.1. Produzzjoni

1.2.1.1.1. Produzzjoni taht l-art

Applikabbli biss ghall-antracite, faham ghall-kokk, faham bituminuz iehor, faham subbituminuz u linjite.

1.2.1.1.2. Produzzjoni fil-wicc

Applikabbli biss ghall-antracite, faham ghall-kokk, faham bituminuz iehor, faham subbituminuz u linjite.

1.2.1.2. Ircevuti li gejjin minn sorsi ohra

Dan jikkonsisti f'zewg komponenti:

— slurries irkuprati, qxura u prodotti tal-faham ohrajn ta' grad baxx, li ma jistghux jigu kklassifikati skont it-tip tal-faham, inkluz il-faham irkuprat minn munzelli tal-iskart u minn recipjenti ohra tal-iskart,

— ircevuti li gejjin minn sorsi ohra.

1.2.1.3. Ircevuti li gejjin minn sorsi ohra: minn prodotti taz-zejt

▼**M6**

Mhux applikabbli ghall-antracite, ghal faham ghall-kokk, ghal faham bituminuz iehor, ghal faham subbituminuz, ghal-linjite, ghall-pit, u ghax-shale taz-zejt u r-ramel taz-zejt.

1.2.1.4. Ircevuti li gejjin minn sorsi ohra: minn gass naturali

Mhux applikabbli ghall-antracite, ghal faham ghall-kokk, ghal faham bituminuz iehor, ghal faham subbituminuz, ghal-linjite, ghall-pit, u ghax-shale taz-zejt u r-ramel taz-zejt.

1.2.1.5. Ircevuti li gejjin minn sorsi ohra: minn sorsi ta' energija rinnovabbli

Mhux applikabbli ghall-antracite, ghall-faham tal-kokk, ghal faham bituminuz iehor, ghall-faham subbituminuz, ghal-linjite, ghall-pit, u ghax-shale taz-zejt u r-ramel taz-zejt.

1.2.1.6. Importazzjonijiet

1.2.1.7. Esportazzjonijiet

1.2.1.8. Bunkers tal-Bahar Internazzjonali

1.2.1.9. Bidliet fl-Istokkijiet

1.2.2. IS-SETTUR TAT-TRASFORMAZZJONI

1.2.2.1. Produttur ta' attività ewlenija tal-elettriku biss

1.2.2.2. Unitajiet tas-shana u tal-energija kkombinati (CHP) tal-produttur tal-attività ewlenija

1.2.2.3. Produttur ta' attività ewlenija tas-shana biss

1.2.2.4. Awtoproduttur tal-elettriku biss

1.2.2.5. Unitajiet tas-shana u tal-energija kkombinati (CHP) tal-awtoprodutturi

1.2.2.6. Awtoproduttur tas-shana biss

1.2.2.7. Impjanti tal-Fjuwils bil-Privattiva

1.2.2.8. Fran tal-kokk

1.2.2.9. Impjanti BKB/PB

1.2.2.10. Impjanti tal-manifattura tal-gass

1.2.2.11. Fran tal-blast

1.2.2.12. Likwifazzjoni tal-faham

1.2.2.13. Ghal gass naturali mhallat

1.2.2.14. Mhux specifikati band'ohra - Transformazzjoni

1.2.3. SETTUR TAL-ENERGIJA

1.2.3.1. Impjanti tal-elettriku, tas-CHP u tas-shana

1.2.3.2. Minjieri tal-faham

1.2.3.3. Impjanti tal-Fjuwils bil-Privattiva

1.2.3.4. Fran tal-kokk

1.2.3.5. IMPJANTI BKB/PB

▼M6

1.2.3.6. Impjanti tal-manifattura tal-gass

1.2.3.7. Fran tal-blast

1.2.3.8. Raffineriji taz-Zejt mhux Mahdum

1.2.3.9. Likwifazzjoni tal-faham

1.2.3.10. Mhux specifikati band'ohra - Energija

1.2.4. IT-telf mit-TRAZMISSJONI U MID-DISTRIBUZZJONI

1.2.5. UZU MHUX TAL-ENERGIJA

1.2.5.1. Setturi tal-industrija, tat-trasformazzjoni u tal-energija

L-uzu mhux tal-energija fis-subsetturi kollha tal-industrija, tat-trasformazzjoni u tal-energija, ez. il-faham uzat biex isir il-metanol jew l-ammonjaka.

1.2.5.1.1. Settur kimiku u petrokimiku

NACE Rev. 2 Divizjonijiet 20 u 21; l-uzu mhux tal-energija tal-faham jinkludi uzi bhala materja prima biex jigi maghmul il-fertilizzant u bhala materja prima ghal prodotti petrokimici ohra.

1.2.5.2. Settur tat-trasport

L-uzu mhux tal-energija fis-subsetturi kollha tat-Trasport.

1.2.5.3. Setturi ohra

L-uzu mhux tal-energija fis-servizzi Kummercjali u pubblici, fl-unitajiet domestici, fl-agrikoltura u mhux specifikati band'ohra - Ohrajn.

1.2.6. KONSUM FINALI TAL-ENERGIJA — SETTUR TAL-INDUSTRIJA

1.2.6.1. Hadid u azzar

1.2.6.2. Sustanzi kimici u petrokimici

1.2.6.3. Metalli li ma fihomx hadid

1.2.6.4. Minerali mhux metallici

1.2.6.5. Tag?mir tat-trasport

1.2.6.6. Makkinarju

1.2.6.7. Xoghol ta' thaffir fil-minjieri u l-barrieri

1.2.6.8. Ikel, xorb u tabakk

1.2.6.9. Polpa, karti u stampar

1.2.6.10. Injam u prodotti tal-injam

1.2.6.11. Kostruzzjoni

1.2.6.12. Tessuti u gilda

1.2.6.13. Mhux specifikat band'ohra – L-industrija

1.2.7. KONSUM FINALI TAL-ENERGIJA — SETTUR TAT-TRASPORT

1.2.7.1. Ferroviji

1.2.7.2. Navigazzjoni Domestika

1.2.7.3. Mhux Specifikati Band'Ohra — Trasport

▼**M6**

1.2.8. KONSUM FINALI TAL-ENERGIJA — SETTURI OHRAJN

1.2.8.1. Servizzi kummercjali u pubblici

1.2.8.2. Unitajiet Domestici

1.2.8.3. Agrikoltura

1.2.8.4. Forestrija

1.2.8.5. Sajd

1.2.8.6. Mhux specifikat band'ohra - Iehor

1.2.9. IMPORTAZZJONIJIET SKONT IL-PAJJIZ TAL-ORIGINI U ESPORTAZZJONIJIET SKONT IL-Pajjiz Tad-destinazzjoni

Importazzjonijiet skont il-pajjiz tal-origini u esportazzjonijiet skont il-pajjiz tad-destinazzjoni jenhtieg li jigu rrapportati. Applikabbli ghall-antracite, il-faham tal-kokk, faham bituminuz iehor, il-faham subbituminuz, il-linjite, il-fjuwils bil-privattiva, il-kokk tal-fran tal-kokk, il-qatran tal-faham, il-BKB, il-pit, il-prodotti tal-pit u x-shale taz-zejt u r-ramel taz-zejt.

1.2.10. VALURI KALORIFICI

Applikabbli ghall-antracite, il-faham tal-kokk, faham bituminuz iehor, il-faham subbituminuz, il-linjite, il-fjuwils bil-privattiva, il-kokk tal-fran tal-kokk, il-kokk tal-gass, il-qatran tal-faham, il-BKB, il-pit, il-prodotti tal-pit u x-shale taz-zejt u r-ramel taz-zejt.

Kemm il-valuri kalorifici grossi kif ukoll dawk netti ghandhom jigu ddikjarati ghall-aggregati li gejjin:

1.2.10.1. Produzzjoni

1.2.10.2. Importazzjonijiet

1.2.10.3. Esportazzjonijiet

1.2.10.4. Uzati fil-fran tal-kokk

1.2.10.5. Uzati fil-fran tal-blast

1.2.10.6. Uzati fi produttur ta' attività ewlenija tal-elettriku biss, tas-shana biss u tal-unitajiet CHP

1.2.10.7. Uzati fl-industrija

1.2.10.8. Ghal uzi ohrajn

1.3. **Unitajiet tal-kejl**

Il-kwantitajiet irrapportati jridu jigu ddikjarati f'kt (kilotunnellati), ghajr ghall-gassijiet manifatturati (il-gass tal-impjanti tal-gass, il-gass tal-fran tal-kokk, il-gass tal-fran tal-blast, gassijiet irkuprati ohra), fejn il-kwantità rrapportata trid tigi ddikjarata f'TJ GCV (tera-joules abbazi tal-valuri kalorifici grossi).

Il-valuri kalorifici jridu jigu ddikjarati f'MJ/t (mega-joules ghal kull tunnellata).

1.4. **Derogi u ezenzjonijiet**

Mhux applikabbli.

▼M6

2. **GASS NATURALI**

2.1. **Prodotti tal-energija applikabbli**

Dan il-Kapitolu jkopri r-rapportar tal-gass naturali.

2.2. **Lista ta' aggregati**

Il-lista ta' aggregati li gejja trid tigi ddikjarata ghall-gass naturali.

2.2.1. SETTUR TAL-PROVVISTA

Il-kwantitajiet iddikjarati ghas-settur tal-provvista jridu jigu espressi kemm f'unitajiet ta' volum kif ukoll f'unitajiet ta' energija, u jridu jinkludu l-valuri kalorifici grossi u netti.

2.2.1.1. Produzzjoni indigena

Tinkludi l-produzzjoni offshore.

2.2.1.1.1. Gass assocjat

Il-gass naturali maghmul b'assocjazzjoni maz-zejt mhux raffinat.

2.2.1.1.2. Gass mhux assocjat

Il-gass naturali li jorigina minn facilitajiet li jipproducu biss idro-karburi fil-forma ta' gass.

2.2.1.1.3. Gass tal-minjieri tal-faham tal-hagra

Il-metanu prodott fil-minjieri tal-faham jew minn saffi tal-faham, imwassal permezz ta' pajpijiet fis-superficje u kkonsmat fil-minjieri tal-faham tal-hagra jew trazmess permezz ta' pipeline lill-konsumaturi.

2.2.1.2. Ircevuti li gejjin minn sorsi ohra

2.2.1.2.1. Ircevuti li gejjin minn sorsi ohra: Zejt u prodotti taz-zejt mhux raffinat

2.2.1.2.2. Ircevuti li gejjin minn sorsi ohra: Faham

2.2.1.2.3. Ircevuti li gejjin minn sorsi ohra: Sorsi ta' Energija Rinnovabbli

2.2.1.3. Importazzjonijiet

2.2.1.4. Esportazzjonijiet

2.2.1.5. Bunkers tal-bahar internazzjonali

2.2.1.6. Bidliet fl-Istokkijiet

2.2.1.7. Konsum intern (Osservat)

2.2.1.8. Gass rekuperabbli

Il-livelli tal-istokkijiet tal-ftuh u tal-gheluq jenhtieg li jigu ddikjarati separatament, bhala stokkijiet fit-territorju nazzjonali u stokkijiet mizmuma barra l-pajjiz, rispettivament. Il-"livell tal-istokk" tfisser il-kwantità ta' gass disponibbli ghal konsenja tul xi ciklu tad-dhul u l-hrug. Dan jirreferi ghall-gass naturali rikuperabbli mahzun f'facilitajiet tal-hzin specjali (facilità maghluqa tal-gass u/jew taz-zejt, akkwifikatur, kavità tal-melh, kaverni mhallta, jew ohrajn) kif ukoll il-gass naturali likwifikat mahzun. Il-cushion gas jenhtieg li jigi eskluz. Hawn ma japplikax ir-rekwizit li ghandhom jigu ddikjarati l-valuri kalorifici.

2.2.1.9. Gass mitluq fl-atmosfera

Il-volum ta' gass rilaxxat fl-arja fis-sit tal-produzzjoni jew fl-impjant tal-ipprocessar tal-gassijiet. Hawn ma japplikax ir-rekwizit li ghandhom jigu ddikjarati l-valuri kalorifici.

2.2.1.10. Gass Ivvampjat

▼M6

Il-volum ta' gass ivvampjat fis-sit tal-produzzjoni jew fl-impjant tal-ipprocessar tal-gass. Hawn ma japplikax ir-rekwizit li ghandhom jigu ddikjarati l-valuri kalorifici.

2.2.2. SETTUR TAT-TRASFORMAZZJONI

2.2.2.1. Produttur ta' attività ewlenija tal-Elettriku Biss

2.2.2.2. Awtoproduttur tal-elettriku biss

2.2.2.3. Unitajiet tas-CHP produtturi tal-attività ewlenija

2.2.2.4. Unitajiet tas-CHP tal-Awtoprodutturi

2.2.2.5. Produttur ta' attività ewlenija tas-shana biss

2.2.2.6. Awtoproduttur tas-shana biss

2.2.2.7. Impjanti tal-manifattura tal-gass

2.2.2.8. Fran tal-kokk

2.2.2.9. Fran tal-blast

2.2.2.10. Minn gass ghal likwidi

2.2.2.11. Mhux specifikati - Transformazzjoni

2.2.3. SETTUR TAL-ENERGIJA

Il-produzzjoni ta' elementi finali tal-fjuwil gdid fl-impjanti tal-fabbrikazzjoni tal-fjuwil MOX. Ghajr il-vireg jew prodotti parzjali ohra.

6.1.6. Il-produzzjoni tal-energija nukleari

L-ammont totali ta' shana ggenerata mir-reatturi nukleari ghall-produzzjoni tal-elettriku jew ghal applikazzjonijiet ohra utli tas-shana.

6.1.7. Il-medja annwali ta' uzu ta' elementi tal-fjuwil irradjati li jintilfu definittivament

Il-medja kkalkulata ta' uzu tal-elementi tal-fjuwil li jkunu ntilfu definittivament mir-reatturi nukleari tul is-sena ta' referenza kkon-cernata. Ghajr l-elementi tal-fjuwil li jintilfu biss temporanjament u li aktarx jergghu jintuzaw aktar tard.

6.1.8. Produzzjoni ta' uranju u plutonju fl-impjanti tal-ipprocessar mill-gdid

L-uranju u plutonju maghmulin fl-impjanti tal-ipprocessar mill-gdid tul is-sena ta' referenza.

▼M6

6.1.9. Il-kapacità (tal-uranju u tal-plutonju) fl-impjanti tal-ipprocessar mill-gdid

Il-kapacità annwali tal-ipprocessar mill-gdid tal-uranju u tal-plutonju.

6.2 **Unitajiet ta’ kejl**

tSWU (tunnellati ta’ unitajiet operatorji separattivi) ghal 6.1.1.

tHM (tunnellati ta’ metall tqil) ghal 6.1.4, 6.1.5., 6.1.8.

tHM (tunnellati ta’ metall tqil) fis-sena ghal 6.1.2., 6.1.3, 6.1.9

TJ (tera-joules) ghal 6.1.6.

GWd/tHM (gigawatt/jum ghal kull tunnellata ta’ metall tqil) ghal 6.1.7.

7. **IDROGENU**

Id-*data* li gejja dwar l-idrogenu trid tigi ddikjarata ghall-ewwel darba ghas-sena ta’ referenza 2024:

7.1. **Lista ta’ aggregati**

7.1.1. Produzzjoni indigena

7.1.1.1. Minn gass naturali

7.1.1.2. Zejt mhux raffinat u prodotti petroliferi

7.1.1.3. Minn fjuwils solidi

7.1.1.4. Minn sorsi ta’ energija rinnovabbli

7.1.1.5. Mill-elettrolizi

7.1.1.5.1. Li minnhom: l-elettriku minn sorsi ta’ energija rinnovabbli sostenibbli - linja ta’ trazmissjoni diretta

7.1.1.5.2. Li minnhom: l-elettriku mil-linja ta’ trazmissjoni nukleari - diretta

7.1.1.6. Minn sorsi ohrajn

7.1.2. Importazzjonijiet

7.1.3. Esportazzjonijiet

7.1.4. Bidliet fl-Istokkijiet

7.1.5. Bunkers tal-bahar internazzjonali

7.1.6. Avjazzjoni internazzjonali

7.1.7. Differenzi statistici

7.1.8. Trasformazzjoni: Produttur ta’ attività ewlenija tal-elettriku

7.1.9. Trasformazzjoni: Elettriku awtoproducenti

7.1.10. Trasformazzjoni: Unitajiet tas-CHP produtturi tal-attività ewlenija

7.1.11. Trasformazzjoni: CHP Awtoprodutturi

7.1.12. Trasformazzjoni: Produttur ta’ attività ewlenija tas-shana

7.1.13. Trasformazzjoni: Shana awtoproducenti

7.1.14. Trasformazzjoni: Impjanti tal-gass (u konverzjoni ohra ghall-gassijiet)

7.1.15. Trasformazzjoni: Raffineriji

7.1.16. Trasformazzjoni: Industrija petrokimika

7.1.17. Trasformazzjoni Mhux Specifikata Band’Ohra (Trasformazzjoni)

7.1.18. Is-settur tal-energija: Minjieri tal-faham

7.1.19. Is-settur tal-energija: Estrazzjoni taz-zejt u tal-gass

▼M6

7.1.20. Is-settur tal-energija: Fran tal-kokk (Energija)

7.1.21. Is-settur tal-energija: Il-fran tal-blast (Energija)

7.1.22. Is-settur tal-energija: Impjanti tal-gass (Energija)

7.1.23. Is-settur tal-energija: Elettriku, CHP u shana

7.1.24. Is-settur tal-energija: Mhux specifikati band’ohra (Energija)

7.1.25. It-telf mit-trazmissjoni u mid-distribuzzjoni

7.1.26. Konsum finali mhux tal-energija - Settur tal-industrija: Hadid u azzar

7.1.27. Konsum finali mhux tal-energija - Settur tal-industrija: Sustanzi kimici u petrokimici

7.1.28. Konsum finali mhux tal-energija - Settur tal-industrija: Metalli li ma fihomx hadid

7.1.29. Konsum finali mhux tal-energija - Settur tal-industrija: Minerali mhux metallici

7.1.30. Konsum finali mhux tal-energija - Settur tal-industrija: Tag?mir tat-trasport

7.1.31. Konsum finali mhux tal-energija - Settur tal-industrija: Makkinarju

7.1.32. Konsum finali mhux tal-energija - Settur tal-industrija: Xoghol ta’ thaffir fil-minjieri u l-barrieri

7.1.33. Konsum finali mhux tal-energija - Settur tal-industrija: Ikel, xorb u tabakk

7.1.34. Konsum finali mhux tal-energija - Settur tal-industrija: Karta, polpa u stampar

7.1.35. Konsum finali mhux tal-energija - Settur tal-industrija: Injam u prodotti tal-injam

7.1.36. Konsum finali mhux tal-energija - Settur tal-industrija: Kostruzzjoni

7.1.37. Konsum finali mhux tal-energija - Settur tal-industrija: It-tessuti u l-gilda

7.1.38. Konsum finali mhux tal-energija - Settur tal-industrija: Mhux specifikati band’ohra (Industrija)

7.1.39. Konsum finali mhux tal-energija: Setturi ohra

7.1.40. Konsum finali tal-energija - Settur tal-industrija: Hadid u azzar

7.1.41. Konsum finali tal-energija - Settur tal-industrija: Sustanzi kimici u petrokimici

7.1.42. Konsum finali tal-energija - Settur tal-industrija: Metalli li ma fihomx hadid

7.1.43. Konsum finali tal-energija - Settur tal-industrija: Minerali mhux metallici

7.1.44. Konsum finali tal-energija - Settur tal-industrija: Tag?mir tat-trasport

7.1.45. Konsum finali tal-energija - Settur tal-industrija: Makkinarju

7.1.46. Konsum finali tal-energija - Settur tal-industrija: Xoghol ta’ thaffir fil-minjieri u l-barrieri

7.1.47. Konsum finali tal-energija - Settur tal-industrija: Ikel, xorb u tabakk

▼M6

7.1.48. Konsum finali tal-energija - Settur tal-industrija: Karta, polpa u stampar

7.1.49. Konsum finali tal-energija - Settur tal-industrija: Injam u prodotti tal-injam

7.1.50. Konsum finali tal-energija - Settur tal-industrija: Kostruzzjoni

7.1.51. Konsum finali tal-energija - Settur tal-industrija: It-tessuti u l-gilda

7.1.52. Konsum finali tal-energija - Settur tal-industrija: Mhux specifikati band'ohra (Industrija)

7.1.53. Konsum finali tal-energija - Settur tat-Trasport: Avjazzjoni domestika

7.1.54. Konsum finali tal-energija - Settur tat-Trasport: Bit-triq

7.1.55. Konsum finali tal-energija - Settur tat-Trasport: Ferroviji

7.1.56. Konsum finali tal-energija - Settur tat-Trasport: Navigazzjoni Domestika

7.1.57. Konsum finali tal-energija - Settur tat-Trasport: Trasport bil-Pipelines

7.1.58. Konsum finali tal-energija - Settur tat-Trasport: Mhux specifikati band'ohra (Trasport)

7.1.59. Setturi ohra: Servizzi kummercjali u pubblici

7.1.60. Setturi ohra: Unitajiet Domestici

7.1.61. Setturi ohra: Agrikoltura

7.1.62. Setturi ohra: Forestrija

7.1.63. Setturi ohra: Sajd

7.1.64. Setturi ohra: Mhux specifikati band'ohra (Ohrajn)

7.2. **Kapacità ta' produzzjoni**

Il-kapacità tal-produzzjoni tal-idrogenu fil-31 ta' Dicembru tas-sena ta' referenza trid tigi ddikjarata bl-istess livell ta' dettalji bhal dawk ghall-produzzjoni (il-punti 7.1.1.1 sa 7.1.1.6).

7.3. **Unitajiet tal-kejl**

Il-kwantitajiet iridu jigu ddikjarati f'TJ (GCV) u fil-kapacità tal-produzzjoni f'TJ (GCV) kull sena.

8. **Statistika dettaljata dwar il-konsum finali tal-energija**

Trid tigi ddikjarata d-*data* dizaggregata li gejja dwar il-konsum finali tal-energija.

8.1. **Lista ta' aggregati**

8.1.1. Settur tal-industrija

Ghandhom jigu rrapportati skont id-definizzjonijiet moghtija fit-Taqsima 2.6.1 tal-Anness A.

8.1.1.1. Xoghol ta' thaffir fil-minjieri u l-barrieri

8.1.1.1.1. Qtugh ta' metall mill-minjieri

8.1.1.1.2. Thaffir iehor fil-minjieri u fil-barrieri

▼M6

8.1.1.1.3. Attivitajiet ta' appogg ghat-thaffir fil-minjieri

8.1.1.2. Ikel, xorb u tabakk

8.1.1.2.1. Manifattura ta' prodotti tal-ikel

8.1.1.2.2. Manifattura ta' xarbiet

8.1.1.2.3. Manifattura ta' prodotti tat-tabakk

8.1.1.3. Tessuti u gilda

8.1.1.4. Injam u prodotti tal-injam

8.1.1.5. Polpa, karti u stampar

8.1.1.5.1. Manifattura tal-karti u tal-prodotti tal-karti

8.1.1.5.1.1. Manifattura tal-polpa

8.1.1.5.1.2. Karta u prodotti tal-karta ohrajn

8.1.1.5.2. Stampar u riproduzzjoni ta' midja rregistrata

8.1.1.6. Sustanzi kimici u petrokimici

8.1.1.6.1. Manifattura ta' sustanzi kimici u ta' prodotti kimici

8.1.1.6.2. Manifattura ta' prodotti farmacewtici bazici u ta' preparazzjonijiet farmacewtici

8.1.1.7. Minerali mhux metallici

8.1.1.7.1. Manifattura ta' hgieg u prodotti tal-hgieg

8.1.1.7.2. Manifattura ta' siment, gir u gibs (inkluz il-klinker)

8.1.1.7.3. Prodotti ohra minerali li ma humiex metallici

8.1.1.8. Hadid u azzar [Manifattura ta' metalli bazici A]

8.1.1.9. Industriji tal-metalli li ma fihomx hadid [Manifattura ta' metalli bazici B]

8.1.1.9.1. Produzzjoni tal-aluminju

8.1.1.9.2. Industriji ohra tal-metalli li ma fihomx hadid

8.1.1.10. Makkinarju

8.1.1.10.1. Manifattura ta' prodotti tal-metall iffabbrikat, ghajr il-makkinarju u t-taghmir

8.1.1.10.2. Manifattura ta' prodotti tal-kompjuter, elettronici u ottici

8.1.1.10.3. Manifattura ta' taghmir elettriku

8.1.1.10.4. Manifattura ta' makkinarju u taghmir n.e.c.

8.1.1.11. Tag?mir tat-trasport

8.1.1.12. Mhux specifikat band'ohra – L-industrija

8.1.1.12.1. Manifattura ta' prodotti tal-lasktu u tal-plastik

8.1.1.12.2. Manifattura tal-ghamara

▼M6

8.1.1.12.3. Manifattura oħra

8.1.2. Settur tat-trasport

Għandhom jiġu rrapportati skont id-definizzjonijiet mogħtija fit-Taqsima 2.6.2 tal-Anness A.

8.1.2.1. Ferroviji

8.1.2.1.1. Ferrovija b'veloċità kbira

8.1.2.1.2. Ferrovija konvenzjonali

8.1.2.1.2.1. It-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija konvenzjonali

8.1.2.1.2.1. It-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija konvenzjonali

8.1.2.1.3. Metro u tramm

8.1.2.2. Bit-triq

8.1.2.2.1. Vetturi tqal li jġorru l-merkanzija

8.1.2.2.2. Trasport kollettiv

8.1.2.2.3. Karozzi u vannijiet

8.1.2.2.4. Trasport ieħor bit-triq

8.1.3. Is-settur tas-servizzi kummerċjali u pubbliċi

Għandhom jiġu rrapportati skont id-definizzjonijiet mogħtija fit-Taqsima 2.6.3.1 tal-Anness A.

8.1.3.1. Tiswija u installazzjoni ta' makkinarju u tagħmir

8.1.3.2. Provvista tal-ilma; drenaġġ, immaniġġar tal-iskart u attivitajiet ta' rimedju

8.1.3.3. Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi

8.1.3.3.1. Kummerċ bl-ingrossa

8.1.3.3.2. Kummerċ bl-imnut

8.1.3.4. Maħażżinaġġ u attivatijiet ta' appoġġ għat-trasportazzjoni

8.1.3.5. Attivitajiet tal-posta u tal-kurrier

8.1.3.6. Akkommodazzjoni u attivitajiet ta' servizz marbut mal-ikel

8.1.3.6.1. Akkomodazzjoni

8.1.3.6.2. Attivitajiet ta' servizz tal-ikel

8.1.3.7. Informazzjoni u komunikazzjoni

8.1.3.8. Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni u attivitajiet ta' proprjetà immobbli

8.1.3.9. Attivitajiet amministrattivi u ta' servizz ta' sostenn

8.1.3.10. Amministrazzjoni pubblika u difiża; assigurazzjoni soċjali obbligatorja

8.1.3.11. Edukazzjoni

▼M6

8.1.3.12. Sahha tal-bniedem u attivitajiet ta' xoghol socjali

8.1.3.12.1. Attivitajiet tal-isptar

8.1.3.13. Arti, divertiment u rikreazzjoni

8.1.3.13.1. Attivitajiet ta' sport

8.1.3.14. Attivitajiet ta' organizzazzjonijiet u korpi ekstraterritorjali

8.1.3.15. Servizzi professjonali, xjentifici u teknici u servizzi ohrajn

8.1.3.16. Ic-centri tad-*data*. Iridu jigu ddikjarati biss ic-centri tad-*data* ospitati minn unitajiet ta' rapportar (irrispettivament mill-kodici NACE taghhom) b'kapacità totali tal-energija ta' 1 MW jew aktar. L-ewwel rapportar obbligatorju ghal din l-entrata huwa s-sena ta' referenza 2024.

8.1.4. Settur tal-unitajiet domestici

Ghandhom jigu rrapportati skont id-definizzjonijiet moghtija fit-Taqsima 2.6.3.2 tal-Anness A.

8.1.4.1. Unitajiet Domestici: Tishin tal-ispazju

8.1.4.2. Unitajiet Domestici: Tkessih tal-ispazju

8.1.4.3. Unitajiet Domestici: Tishin tal-ilma

8.1.4.4. Unitajiet Domestici: Tisjir

8.1.4.5. Unitajiet Domestici: Tidwil u apparati

Jikkoncerna l-elettriku biss

8.1.4.6. Unitajiet Domestici: Uzi finali ohra

8.2. **Prodotti tal-energija applikabbli**

Sakemm ma jkunx specifikat mod iehor, dan il-gbir tad-*data* japplika ghall-prodotti kollha tal-energija elenkati fl-Anness A.

Il-Eurostat se jispecifika l-lista attwali tal-prodotti tal-energija li ghalihom id-*data* koperta mill-punt 7 tal-Anness B jenhtieg li tigi rrapportata fil-mudell tar-rapportar, bhala subsett ta' dawk elenkati fil-punt 3 tal-Anness A.

8.3. **Unitajiet tal-kejl**

Il-kwantitajiet tal-fjuwils fossili solidi jridu jigu ddikjarati f'kt (kilotunnellati).

Il-kwantitajiet taz-zejt mhux raffinat u prodotti taz-zejt mhux raffinat iridu jigu ddikjarati f'kt (kilotunnellati).

Il-kwantitajiet tal-gass naturali u tal-gassijiet manifatturati (gass tal-impjanti tal-gass, gass tal-fran tal-kokk, gass tal-fran tal-blast, gassijiet irkuprati ohrajn) iridu jigu ddikjarati skont il-kontenut ta' energija, f'TJ GCV (tera-joules abbazi tal-valuri kalorifici grossi).

L-elettriku jrid jigi ddikjarat f'GWh (sighat ta' gigawatts).

▼M6

Il-kwantitajiet tas-shana iridu jigu ddikjarati f'TJ (tera-joules abbazi tal-valuri kalorifici netti).

Il-kwantitajiet tar-rinnovabbli u tal-iskart iridu jigu ddikjarati f'TJ NCV (tera-joules abbazi tal-valur kalorifiku nett), ghajr ghall-faham tal-kannol, il-bijogazolina, il-bijoetanol, il-pitrolju bijologiku tal-gett, il-bijodizils, u bijofjuwils likwidi ohra li jridu jigu ddikjarati f'kt (kilotunnellati).

Il-valuri kalorifici ghall-fjuwils fossili solidi, iz-zejt mhux raffinat u l-prodotti taz-zejt mhux raffinat u s-sorsi ta' energija rinnovabbli u l-iskart iridu jigu ddikjarati f'MJ/t (mega-joules ghal kull tunnellata).

Il-valuri kalorifici ghall-gass naturali u l-gassijiet manifatturati jridu jigu ddikjarati f'kJ/$m^3$, jekk wiehed jassumi kundizzjonijiet ta' referenza ghall-gassijiet (15 °C, 101 325 Pa).

Ghall-prodotti l-ohrajn tal-energija li ghalihom huwa mehtieg ir-rapportar, l-unitajiet applikabbli huma definiti fil-kapitoli rilevanti ta' dan l-anness.

8.4. **L-iskadenza ghat-trazmissjoni tad-*data*:**

Id-*data* jenhtieg li tintbaghat sal-31 ta' Marzu tat-tieni sena wara s-sena rrapportata.

8.5. **Ezenzjonijiet**

Cipru hu ezentat milli jirrapporta l-konsum finali dizaggregat tal-energija taz-zejt mhux raffinat u tal-prodotti taz-zejt mhux raffinat (kif definit fit-Taqsima 3.4 tal-Anness A) ghall-aggregati kollha koperti mit-Taqsima 8.1.4 ta' dan l-anness (Unitajiet Domestici).

9. ***DATA* ANNWALI PRELIMINARI**

9.1. **Prodotti tal-energija applikabbli**

Dan il-gbir tad-*data* japplika ghall-prodotti kollha deskritti fit-taqsimiet 1.1., 2.1., 3.1., 4.1. u 5.1. ta' dan l-Anness.

9.2. **Lista ta' aggregati**

Trid tigi ddikjarata l-lista tal-aggregati li gejja:

9.2.1. Ghal fjuwils fossili solidi u gassijiet manifatturati: 1.2.1.1., 1.2.1.2., 1.2.1.6., 1.2.1.7., 1.2.1.8., 1.2.1.9. kif definit fil-Kapitolu 1 ta' dan l-anness.

9.2.2. Ghall-gass naturali: 2.2.1.1., 2.2.1.2., 2.2.1.3., 2.2.1.4., 2.2.1.5., 2.2.1.6. kif definit fil-Kapitolu 2 ta' dan l-anness.

9.2.3. Ghall-elettriku u s-shana: il-produzzjoni grossa skont il-prodott ghall-prodotti individwali kollha, l-uzu proprju, it-total tat-telf mit-trazmissjoni u mid-distribuzzjoni (3.2.3. u 3.2.4.) u 3.2.2.3., 3.2.2.4, 3.2.2.5, 3.2.2.6., 3.2.2.7., 3.2.2.8., 3.2.2.9. kif definit fil-Kapitolu 3 ta' dan l-anness.

9.2.4. Zejt mhux raffinat u prodotti petroliferi: 4.2.1.1., 4.2.1.2., 4.2.1.3., 4.2.1.4., 4.2.1.5., 4.2.1.6., 4.2.1.7., 4.2.1.8., 4.2.1.9., 4.2.1.10., 4.2.2.1., 4.2.2.2., 4.2.2.3., 4.2.2.4., 4.2.2.5., 4.2.2.6., 4.2.2.7., 4.2.2.8., 4.2.2.9., 4.2.2.10. kif definit fil-Kapitolu 4 ta' dan l-anness.

9.2.5. Ghal energija rinnovabbli u energija minn skart: 5.2.2.1., 5.2.2.2., 5.2.2.3., 5.2.2.4., 5.2.10.1., 5.2.10.2., 5.2.10.3., 5.2.10.8., 5.2.10.9. kif definit fil-Kapitolu 5 ta' dan l-anness.

▼**M6**

9.3. **Unitajiet tal-kejl**

Il-kwantitajiet iridu jigu ddikjarati f'unitajiet definiti fit-Taqsimiet 1.3., 2.3., 3.3., 4.3. u 5.3. ta' dan l-anness.

9.4. **Skadenza ghat-trazmissjoni tad-*data***

▼**C1**

Id-*data* jenhtieg li tintbaghat sal-31 ta' Mejju tas-sena wara s-sena rrapportata.

▼M6

*ANNESS C*

## STATISTIKA TA’ KULL XAHAR DWAR L-ENERĠIJA

Dan l-Anness jiddeskrivi l-kamp ta’ applikazzjoni, l-unitajiet, il-perjodu rrapportat, il-frekwenza, l-iskadenza u l-modalitajiet ta’ trażmissjoni għall-ġbir ta’ kull xahar tal-istatistika dwar l-enerġija.

L-Anness A jipprovdi spjegazzjonijiet tat-termini mhux spjegati f’dan l-anness.

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-ġbir tad-*data* kollu speċifikat f’dan l-Anness:

(a) Perjodu rrapportat: Il-perjodu rrapportat tad-*data* ddikjarata għandu jkun xahar kalendarju wieħed.

(b) Frekwenza: Id-*data* jenħtieġ li tiġi ddikjarata abbażi ta’ kull xahar.

(c) Format tat-trażmissjoni: Il-format tat-trażmissjoni jenħtieġ li jikkonforma mal-istandard tal-iskambju rilevanti speċifikat mill-Eurostat.

(d) Metodu ta’ trażmissjoni: Id-*data* jenħtieġ li tiġi ppreżentata u tittella’ b’mezzi elettroniċi fil-punt uniku tad-dħul tad-*data* tal-Eurostat.

1. **FJUWILS SOLIDI**

1.1. **Prodotti tal-enerġija applikabbli**

Dan il-Kapitolu jkopri r-rapportar ta’:

1.1.1. Faħam iebes

1.1.2. Faħam kannella

1.1.3. Pit

1.1.4. Shale taż-żejt u ramel taż-żejt

1.1.5. Kokk tal-fran tal-kokk

1.2. **Lista ta’ aggregati**

1.2.1. L-aggregati li ġejjin iridu jiġu ddikjarati għall-faħam iebes:

1.2.1.1. Produzzjoni

1.2.1.2. Prodotti rkuprati

1.2.1.3. Importazzjonijiet

1.2.1.4. Importazzjonijiet minn barra l-UE

1.2.1.5. Esportazzjonijiet

1.2.1.6. Stokks totali tal-ftuħ fit-territorju nazzjonali

Dawn huma l-kwantitajiet miżmuma minn minjieri, importaturi u konsumaturi li jimpurtaw direttament.

1.2.1.7. Stokks totali tal-għeluq fit-territorju nazzjonali

Dawn huma l-kwantitajiet miżmuma minn minjieri, importaturi u konsumaturi li jimpurtaw direttament.

▼M6

1.2.1.8. Konsenji lill-produtturi tal-attività ewlenija

1.2.1.9. Konsenji lill-impjanti tal-kokk

1.2.1.10. Konsenji lill-industrija totali

1.2.1.11. Konsenji lill-industrija tal-ħadid u l-azzar

1.2.1.12. Riżultati tanġibbli oħrajn (servizzi, unitajiet domestiċi, eċċ.). L-ammont ta' faħam iebes ikkonsenjat lil setturi li ma jissemmewx speċifikament jew li ma jagħmlux parti minn trasformazzjoni, enerġija, industrija jew trasport.

1.2.2. L-aggregati li ġejjin iridu jiġu ddikjarati għall-faħam kannella, il-pit, ix-shale taż-żejt u r-ramel taż-żejt:

1.2.2.1. Produzzjoni

1.2.2.2. Importazzjonijiet

1.2.2.3. Esportazzjonijiet

1.2.2.4. Stokks totali tal-ftuħ fit-territorju nazzjonali

Dawn huma l-kwantitajiet miżmuma minn minjieri, importaturi u konsumaturi li jimpurtaw direttament.

1.2.2.5. Stokks totali tal-għeluq fit-territorju nazzjonali

Dawn huma l-kwantitajiet miżmuma minn minjieri, importaturi u konsumaturi li jimpurtaw direttament.

1.2.2.6. Għall-pit, il-bidliet fl-istokkijiet jistgħu jiġu ddikjarati minflok l-istokkijiet totali tal-ftuħ u tal-għeluq.

1.2.2.7. Konsenji lill-produtturi tal-attività ewlenija

1.2.3. L-aggregati li ġejjin iridu jiġu ddikjarati għall-kokk tal-fran tal-kokk:

1.2.3.1. Produzzjoni

1.2.3.3. Importazzjonijiet

1.2.3.4. Importazzjonijiet minn barra l-UE

1.2.3.5. Esportazzjonijiet

1.2.3.6. Stokks totali tal-ftuħ fit-territorju nazzjonali

Dawn huma l-kwantitajiet miżmuma mill-produtturi, l-importaturi u l-konsumaturi li jimpurtaw direttament.

1.2.3.7. Stokks totali tal-għeluq fit-territorju nazzjonali

Dawn huma l-kwantitajiet miżmuma mill-produtturi, l-importaturi u l-konsumaturi li jimpurtaw direttament.

▼M6

1.2.3.8. Konsenji lill-industrija tal-ħadid u l-azzar

1.3. **Unitajiet tal-kejl**

Il-kwantitajiet rapportati jridu jiġu ddikjarati f'kt (kilotunnellati).

1.4. **Skadenza għat-trażmissjoni tad-*data***

Fi żmien xahrejn kalendarji wara x-xahar irrapportat.

2. **ELETTRIKU**

2.1. **Prodotti tal-enerġija applikabbli**

Dan il-Kapitolu jkopri r-rapportar tal-elettriku.

2.2. **Lista ta' aggregati**

L-aggregati li ġejjin iridu jiġu ddikjarati għall-elettriku:

2.2.1. Produzzjoni netta tal-elettriku minn impjanti nukleari

2.2.2. Produzzjoni netta tal-elettriku mill-ġenerazzjoni tal-enerġija termali konvenzjonali bl-użu tal-faħam

2.2.3. Produzzjoni netta tal-elettriku mill-ġenerazzjoni tal-enerġija termali konvenzjonali bl-użu taż-żejt

2.2.4. Produzzjoni netta tal-elettriku mill-ġenerazzjoni tal-enerġija termali konvenzjonali bl-użu tal-gass

2.2.5. Il-produzzjoni netta tal-elettriku minn ġenerazzjoni tal-enerġija termali konvenzjonali bl-użu ta' rinnovabbli kombustibbli (bħall-bijofjuwils solidi, il-bijogassijiet, il-bijofjuwils likwidi, l-iskart muniċipali rinnovabbli)

2.2.6. Il-produzzjoni netta tal-elettriku minn ġenerazzjoni tal-enerġija termali konvenzjonali bl-użu ta' fjuwils kombustibbli mhux rinnovabbli oħra (bħall-iskart industrijali mhux rinnovabbli u l-iskart muniċipali mhux rinnovabbli)

2.2.7. Produzzjoni netta tal-elettriku mll-impjanti idro puri

2.2.8. Produzzjoni netta tal-elettriku mill-impjanti idro mħallta

2.2.9. Produzzjoni netta tal-elettriku mill-impjanti idro ta' ħżin ippompjat puri

2.2.10. Produzzjoni netta tal-elettriku mill-installazzjonijiet tar-riħ fuq l-art

2.2.11. Produzzjoni netta tal-elettriku mill-installazzjonijiet tar-riħ lil hinn mill-kosta

2.2.12. Produzzjoni netta tal-elettriku mill-installazzjonijiet PV solari

2.2.13. Produzzjoni netta tal-elettriku mill-installazzjonijiet termali solari

2.2.14. Produzzjoni netta tal-elettriku mill-ġenerazzjoni tal-enerġija ġeotermali

2.2.15. Il-produzzjoni netta tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli oħra (bħall-marea, il-mewġ, l-oċean u sorsi ta' enerġija rinnovabbli mhux kombustibbli oħra)

2.2.16. Produzzjoni netta tal-elettriku minn oriġini mhux speċifikata

2.2.17. Importazzjonijiet

2.2.17.1. Li minnhom mill-UE

▼M6

2.2.18. Esportazzjonijiet

2.2.18.1. Li minnhom lejn l-UE

2.2.19. Elettriku użat għal ħżin ippompjat

2.3. **Unitajiet tal-kejl**

Il-kwantitajiet irrapportati jridu jiġu ddikjarati f'GWh (sigħat ta' gigawatts).

2.4. **Skadenza għat-trażmissjoni tad-*data***

Fi żmien xahrejn kalendarji wara x-xahar irrapportat.

3. **ŻEJT U PRODOTTI TAŻ-ŻEJT MHUX RAFFINAT**

3.1. **Prodotti tal-enerġija applikabbli**

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, dan il-ġbir tad-*data* japplika għall-prodotti kollha tal-enerġija elenkati fl-Anness A, il-Kapitolu 3.4. ŻEJT (żejt mhux raffinat u prodotti taż-żejt mhux raffinat).

Il-kategorija "Prodotti oħrajn" tinkludi l-kwantitajiet li jikkorrispondu għad-definizzjoni fl-Anness A, il-Kapitolu 3.4 u anki l-kwantitajiet tal-ispirtu abjad u l-SBP, il-lubrikanti, il-bitumen u x-xama tal-paraffina; jenħtieġ li dawn il-prodotti ma jiġux dikjarati b'mod separat.

3.2. **Lista ta' aggregati**

Għall-prodotti tal-enerġija kollha li ġew elenkati fil-paragrafu preċedenti jridu jiġu ddikjarati l-aggregati li ġejjin, ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor.

3.2.1. IL-PROVVISTA TAŻ-ŻEJT MHUX RAFFINAT, TAL-NGL, TAL-MATERJA PRIMA TAR-RAFFINERIJI, TAL-ADDITTIVI U TA' IDROKARBURI OĦRA

Nota għall-addittivi u l-bijofjuwils: hawnhekk inkludi kemm il-volumi mħallta diġà u anki l-kwantitajiet kollha maħsuba għat-taħlit.

L-aggregati li ġejjin iridu jiġu ddikjarati għal żejt mhux raffinat, NGL, materja prima tar-raffineriji, addittivi/ossiġenati, bijofjuwils u idrokarburi oħra:

3.2.1.1. Produzzjoni Indiġena (mhux applikabbli għall-materja prima tar-raffineriji u l-bijofjuwils).

3.2.1.2. Irċevuti li ġejjin minn sorsi oħra (mhux applikabbli għaż-żejt mhux raffinat, għall-NGL, għall-materja prima tar-raffineriji)

3.2.1.3. Flussi Lura

Il-prodotti finali jew semifinali li jiġu rritornati mill-konsumaturi finali lir-raffineriji għall-ipproċessar, għat-taħlit jew għall-bejgħ. Ġeneralment dawn ikunu prodotti sekondarji tal-manifattura petrokimika. Applikabbli biss għall-materja prima tar-raffineriji.

3.2.1.4. Prodotti trasferiti

Il-prodotti taż-żejt mhux raffinat importati li jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala materja prima għal aktar ipproċessar fir-raffinerija, mingħajr ma jiġu kkonsenjati lill-konsumaturi finali. Applikabbli biss għall-materja prima tar-raffineriji.

3.2.1.5. Importazzjonijiet

▼M6

3.2.1.6. Esportazzjonijiet

Nota għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet: Jinkludu l-kwantitajiet taż-żejt mhux raffinat u tal-prodotti importati jew esportati skont ftehimiet tal-ipproċessar (jiġifieri raffinar akkont). Jenħtieġ li ż-żejt mhux raffinat u l-NGLs jiġu rrapportati bħala li ġejjin mill-pajjiż tal-oriġini aħħarija; il-materja prima tar-raffineriji u l-prodotti finali jenħtieġ li jiġu rrapportati li ġejjin mill-pajjiż tal-aħħar konsenja. Inkluż kwalunkwe likwidu tal-gass (eż. LPG) estratt waqt il-proċess tar-rigassifikazzjoni tal-LNG u tal-prodotti taż-żejt mhux raffinat importati jew esportati direttament mill-industrija tal-petrokimika.

3.2.1.7. Użu dirett

3.2.1.8. Bidliet fl-Istokkijiet

Żieda fl-istokk tintwera bħala numru pożittiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru negattiv.

3.2.1.9. Konsum osservat tar-raffinerija

Dan huwa definit bħala l-ammont totali taż-żejt (inkluż Idrokarburi Oħrajn u Addittivi) osservat li daħal fil-proċess tar-raffineriji (dħul fir-raffineriji).

3.2.1.10. Telf mir-raffineriji

Id-differenza bejn il-Konsum mir-Raffineriji Osservat u l-Produzzjoni Grossa tar-Raffinerija. It-telf jista' jseħħ waqt il-proċessi tad-distillazzjoni minħabba evaporazzjoni. It-telf irrapportat huwa pożittiv. Jista' jkun hemm xi gwadanji volumetriċi, iżda l-ebda żieda fil-massa.

3.2.2. PROVVISTA TA' PRODOTTI FINALI

L-aggregati li ġejjin iridu jiġu ddikjarati għaż-Żejt mhux raffinat, NGL, Gass tar-raffinerija, Etan, LPG, Nafta, Bijogażolina, Gażolina mhux bijoloġika, Gażolina tal-avjazzjoni, Fjuwil tal-ġett tat-tip tal-gażolina, Pitrolju bijoloġiku tal-ġett, Pitrolju mhux bijoloġiku tal-ġett, Pitrolju ieħor, Bijodiżils, iż-żejt mhux bijoloġiku tal-gass/tad-diżil, LSFO, HSFO, Kokk taż-żejt mhux raffinat, u Prodotti oħra:

3.2.2.1. Prodotti primarji rċevuti

3.2.2.2. Produzzjoni tar-raffinerija grossa (mhux applikabbli għaż-żejt mhux raffinat u l-NGL)

3.2.2.3. Prodotti Rriċiklati (mhux applikabbli għaż-żejt mhux raffinat u l-NGL)

3.2.2.4. Fjuwil tar-Raffineriji (mhux applikabbli għaż-żejt mhux raffinat u l-NGL)

Il-Kapitolu 2.3. tal-Anness A. Settur tal-enerġija - Raffineriji taż-Żejt mhux Maħdum; Jinkludi fjuwils użati fir-raffineriji għall-produzzjoni tal-elettriku u tas-sħana mibjugħa.

3.2.2.5. Importazzjonijiet (mhux applikabbli għaż-żejt mhux raffinat, l-NGL u l-gass tar-raffineriji)

3.2.2.6. Esportazzjonijiet (mhux applikabbli għaż-żejt mhux raffinat, l-NGL u l-gass tar-raffineriji)

In-nota magħmula għall-importazzjonijiet u għall-esportazzjonijiet fit-Taqsima 3.2.1 tapplika hawn ukoll.

▼M6

3.2.2.7. Bunkers tal-baħar internazzjonali (mhux applikabbli għaż-żejt mhux raffinat u l-NGL)

3.2.2.8. Trasferimenti tal-interprodotti

3.2.2.9. Prodotti ttrasferiti (mhux applikabbli għaż-żejt mhux raffinat u għall-NGL)

3.2.2.10. Bidliet fl-istokk (mhux applikabbli għaż-żejt mhux raffinat, għall-NGL u għall-gass tar-raffineriji)

Żieda fl-istokk tintwera bħala numru pożittiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru negattiv.

3.2.2.11. Konsenji interni grossi osservati

Il-konsenja osservata ta' prodotti taż-żejt mhux raffinat finali minn sorsi primarji (eż. raffineriji, impjanti tat-taħlit, eċċ.) għas-suq intern.

3.2.2.11.1. Avjazzjoni internazzjonali (applikabbli biss għall-Gażolina tal-avjazzjoni, Fjuwil tal-ġett tat-tip tal-gażolina, Pitrolju bijoloġiku tal-ġett, Pitrolju mhux bijoloġiku tal-ġett)

3.2.2.11.2. Impjanti tal-enerġija tal-produtturi tal-attività ewlenija

3.2.2.11.3. Bit-triq (applikabbli biss għal-LPG)

3.2.2.11.4. Navigazzjoni domestika u Ferroviji (applikabbli biss għall-Bijodiżils, u ż-Żejt mhux bijo tal-gass/diżil)

3.2.2.12. Petrokimiku

3.2.2.13. Fluss lura lejn ir-raffineriji (mhux applikabbli għaż-żejt mhux raffinat u l-NGL)

3.2.3. IMPORTAZZJONIJIET SKONT L-ORIĠINI — ESPORTAZZJONIJIET SKONT ID-DESTINAZZJONI

L-importazzjonijiet jenħtieġ li jiġu rrapportati skont il-pajjiż tal-oriġini, u l-esportazzjonijiet skont il-pajjiż tad-destinazzjoni. In-nota magħmula għall-importazzjonijiet u għall-esportazzjonijiet fit-Taqsima 3.2.1 tapplika hawn ukoll.

3.2.4. LIVELLI TAL-ISTOKKIJIET

L-istokkijiet tal-ftuħ u tal-għeluq li ġejjin iridu jiġu ddikjarati għall-prodotti kollha tal-enerġija inkluż għall-addittivi/l-ossiġenati iżda mhux għall-gass tar-raffineriji:

3.2.4.1. Stokkijiet fit-territorju nazzjonali

Stokkijiet fil-postijiet li ġejjin: tankijiet tar-raffineriji, terminals li jżommu kwantitajiet kbar ta' materjal, kapaċitajiet f'pipelines, ċattri u tankers kostali (meta l-port tat-tluq u tad-destinazzjoni jkunu fl-istess pajjiż), tankers f'port ta' pajjiż membru (jekk il-merkanzija tagħhom trid tinħatt fil-port), bunkers interni tal-bastimenti. Għajr l-istokkijiet taż-żejt miżmumin fil-pipelines, fil-vaguni tat-tankijiet ferrovjarji, fil-vaguni tat-tankijiet tat-trakkijet, fil-bunkers tal-bastimenti li jbaħħru, fl-istazzjonijiet tal-petrol, fil-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut u fil-bunkers fuq il-baħar.

3.2.4.2. L-istokkijiet miżmumin għal pajjiżi oħra skont ftehimiet governattivi bilaterali

▼**M6**

L-istokkijiet fit-territorju nazzjonali li jappartjenu għal pajjiż ieħor u li l-aċċess għalihom hu żgurat bi ftehim bejn il-gvernijiet rispettivi.

3.2.4.3. L-istokkijiet b'destinazzjoni barranija magħrufa

L-istokkijiet li ma humiex inklużi fil-punt 3.2.4.2 f'territorju nazzjonali li jappartjenu u huma destinati għal pajjiż ieħor. Dawn l-istokkijiet jistgħu jkunu fiż-żoni riżervati jew fuq barra tagħhom.

3.2.4.4. Stokkijiet oħra miżmumin fiż-żoni riżervati

Jinkludu l-istokkijiet li ma humiex inklużi fil-punt 3.2.4.2 jew fil-punt 3.2.4.3, irrispettivament minn jekk ikunux irċevew awtorizzazzjoni doganali jew le.

3.2.4.5. L-istokkijiet miżmuma mill-konsumaturi ewlenin

Jinkludu l-istokkijiet soġġetti għal kontroll governattiv. Din id-definizzjoni ma tinkludix stokkijiet oħrajn tal-konsumaturi.

3.2.4.6. L-istokkijiet miżmuma abbord bastimenti tal-oċean li jkunu deħlin fil-port jew fl-irmiġġ

Stokkijiet irrispettivament minn jekk ikunux ingħataw awtorizzazzjoni doganali jew le. Din il-kategorija teskludi l-istokkijiet abbord bastimenti f'nofs l-ibħra.

Tinkludi ż-żejt fit-tankers kostali jekk kemm il-port tat-tluq kif ukoll tad-destinazzjoni tagħhom jinsabu fl-istess pajjiż. Fil-każ ta' bastimenti li jkunu deħlin b'aktar minn port tal-ħatt wieħed, għandu jiġi rrapportat biss l-ammont li jrid jinħatt fil-pajjiż rapportatur.

3.2.4.7. L-istokkijiet miżmumin mill-gvern fit-territorju nazzjonali

Tinkludi l-istokkijiet mhux militari li huma miżmumin mill-gvern fit-territorju nazzjonali, u li huma proprjetà tal-gvern jew ikkontrollati u miżmuma esklussivament għal finijiet ta' emerġenza.

Għajr l-istokkijiet miżmumin minn kumpaniji taż-żejt statali jew minn utilitajiet elettriċi jew l-istokkijiet miżmumin direttament minn kumpaniji taż-żejt f'isem il-gvernijiet.

3.2.4.8. L-istokkijiet miżmuma minn organizzazzjoni li żżomm l-istokkijiet fit-territorju nazzjonali

L-istokkijiet miżmumin mill-korporazzjonijiet pubbliċi u privati li ġew stabbiliti biex iżommu l-istokkijiet esklużivament għal finijiet ta' emerġenza.

Għajr l-istokkijiet mandatorji miżmumin minn kumpaniji privati.

3.2.4.9. L-istokkijiet l-oħra kollha miżmumin fit-territorju nazzjonali

L-istokkijiet l-oħra kollha li jissodisfaw il-kundizzjonijiet deskritti fil-punt 3.2.4.1 hawn fuq.

3.2.4.10. L-istokkijiet miżmumin barra mill-pajjiż skont ftehimiet governattivi bilaterali

L-istokkijiet li jappartjenu għall-pajjiż rapportatur iżda li jinżammu f'pajjiż ieħor u li l-aċċess għalihom hu żgurat bi ftehim bejn il-gvernijiet rispettivi.

▼**M6**

3.2.4.10.1. Li minnhom: L-istokkijiet governattivi

3.2.4.10.2. Li minnhom: L-istokkijiet tal-organizzazzjoni possedenti

3.2.4.10.3. Li minnhom: Stokkijiet oħra

3.2.4.11. L-istokkijiet miżmumin barra mill-pajjiż magħżula definittivament bħala stokkijiet tal-importazzjoni

L-istokkijiet li ma humiex inklużi fil-kategorija 10 u li jappartjenu għall-istat rapportatur iżda li jinżammu fi stat ieħor u li qed jistennew li jiġu importati hemmhekk.

3.2.4.12. Stokkijiet oħra f'żoni riżervati

Stokkijiet oħrajn fit-territorju nazzjonali li ma humiex inklużi fil-kategoriji ta' hawn fuq.

3.2.4.13. Kontenut tal-pipelines

Żejt (żejt mhux raffinat u prodotti taż-żejt mhux raffinat) li jinsabu fil-pipelines u li huma meħtieġa biex jinżamm il-fluss fil-pipelines.

Barra minn hekk, irid jiġi ddikjarat tqassim tal-kwantitajiet skont il-pajjiż korrispondenti:

3.2.4.13.1. l-istokkijiet tal-għeluq miżmuma għal pajjiżi oħrajn skont ftehim uffiċjali, skont il-benefiċjarju,

3.2.4.13.2. l-istokkijiet tal-għeluq miżmuma għal pajjiżi oħrajn skont ftehim uffiċjali, li minnhom hemm dawk miżmuma bħala biljetti tal-istokk, skont il-benefiċjarju,

3.2.4.13.3. l-istokkijiet tal-għeluq b'destinazzjoni barranija magħrufa, skont il-benefiċjarju,

3.2.4.13.4. l-istokkijiet tal-għeluq miżmuma barra mill-pajjiż skont ftehim uffiċjali, skont il-post,

3.2.4.13.5. l-istokkijiet tal-għeluq miżmuma barra mill-pajjiż skont ftehim uffiċjali, li minnhom hemm dawk miżmuma bħala biljetti tal-istokk, skont il-post,

3.2.4.13.6. l-istokkijiet tal-għeluq miżmuma barra mill-pajjiż u magħżulin definittivament għall-importazzjoni fil-pajjiż tad-dikjarant, imqassma skont il-post.

"Stokkijiet tal-ftuħ" tfisser l-istokkijiet fl-aħħar jum tax-xahar ta' qabel dak rapportat. "Stokkijiet tal-għeluq" tfisser l-istokkijiet fl-aħħar jum tax-xahar rapportat.

3.3. **Unitajiet tal-kejl**

Il-kwantitajiet rapportati jridu jiġu ddikjarati f'kt (kilotunnellati).

3.4. **Skadenza għat-trażmissjoni tad-*data***

Fi żmien 55 jum wara x-xahar rapportat.

3.5. **Noti ġeografiċi**

Għal finijiet ta' rapportar statistiku biss, japplikaw il-kjarifiki tal-Kapitolu 1 tal-Anness A, bl-eċċezzjonijiet speċifiċi li ġejjin: L-Iżvizzera tinkludi l-Liechtenstein

▼M6

4. **GASS NATURALI**

4.1. **Prodotti tal-enerġija applikabbli**

Dan il-Kapitolu jkopri r-rapportar tal-gass naturali.

4.2. **Lista ta' aggregati**

L-aggregati li ġejjin iridu jiġu ddikjarati għal gass naturali.

4.2.1. Produzzjoni indiġena

Il-produzzjoni kummerċjabbli niexfa kollha fi ħdan il-fruntieri nazzjonali, inkluż il-produzzjoni lil hinn mill-kosta. Il-produzzjoni titkejjel wara l-purifikazzjoni u l-estrazzjoni tal-NGLs u tal-kubrit. Għajr it-telf mill-estrazzjoni u l-kwantitajiet injettati mill-ġdid, rilaxxati minn xi mkien jew ivvampjati. Inkluż il-kwantitajiet użati fl-industrija tal-gass naturali; fl-estrazzjoni tal-gassijiet, fis-sistemi tal-pipelines u fl-impjanti tal-ipproċessar.

4.2.2. Importazzjonijiet (Dħul)

4.2.3. Esportazzjonijiet (Ħruġ)

Nota għall-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet: Iridu jiġu rrapportati l-volumi kollha tal-gass naturali li fiżikament qasmu l-fruntieri nazzjonali tal-pajjiż, kemm jekk kien hemm awtorizzazzjoni doganali u kemm jekk le. Dan jinkludi l-kwantitajiet li jgħaddu minn pajjiżek; jenħtieġ li l-volumi tat-tranżitu jiġu inklużi bħala importazzjoni u bħala esportazzjoni. Jenħtieġ li l-importazzjonijiet tal-gass naturali likwifikat ikunu jkopru biss l-ekwivalenti kummerċjabbli niexfa, inkluż l-ammonti użati bħala konsum proprju fil-proċess tar-rigassifikazzjoni. Jenħtieġ li l-ammonti użati bħala konsum proprju tul ir-rigassifikazzjoni jiġu rrapportati taħt Użu minnhom stess u telf tal-industrija tal-gass naturali (ara 4.2.11). Jenħtieġ li kwalunkwe likwidu tal-gass (eż. LPG) estratt waqt il-proċess tar-rigassifikazzjoni tal-LNG importat jiġi rrapportat taħt "Irċevuti li ġejjin minn sorsi oħra" ta' "Idrokarburi oħrajn" kif definit fil-Kapitolu 3 ta' dan l-Anness (ŻEJT JEW PRODOTTI TAŻ-ŻEJT MHUX RAFFINAT).

4.2.4. Bidliet fl-Istokkijiet

Żieda fl-istokk tintwera bħala numru pożittiv u tnaqqis fl-istokk jintwera bħala numru negattiv.

4.2.5. Konsenji interni grossi osservati

Din il-kategorija tirrappreżenta l-konsenji tal-gass kummerċjabbli lejn is-suq intern, inkluż il-gass użat mill-industrija tal-gass għat-tisħin u għat-tħaddim tat-tagħmir tagħhom (jiġifieri l-konsum fl-estrazzjoni tal-gass, fis-sistema tal-pipelines u fl-impjanti tal-ipproċessar); anki t-telf mit-trażmissjoni u mid-distribuzzjoni jenħtieġ li jkun inkluż.

4.2.6. Il-livelli tal-ftuħ tal-istokkijiet miżmumin fit-territorju nazzjonali

4.2.8. Il-livelli tal-għeluq tal-istokkijiet miżmumin fit-territorju nazzjonali

▼**M6**

4.2.9. Il-livelli tal-ftuħ tal-istokkijiet miżmumin barra l-pajjiż

4.2.10. Il-livelli tal-għeluq tal-istokkijiet miżmumin barra l-pajjiż

Nota għal-livelli tal-istokkijiet: inkluż il-gass naturali maħżun f'forma gassuża kif ukoll f'forma likwifikata.

4.2.11. Użu minnhom stess u telf tal-industrija tal-gass naturali

Il-kwantitajiet użati mill-industrija tal-gass stess għat-tisħin u għat-tħaddim tal-apparat tagħha (jiġifieri l-konsum fl-estrazzjoni tal-gass, fis-sistema tal-pipelines u fl-impjanti tal-ipproċessar); inkluż it-telf mit-trażmissjoni u mid-distribuzzjoni.

4.2.12. Importazzjonijiet (dħul) skont l-oriġini u esportazzjonijiet (ħruġ) skont id-destinazzjoni

L-importazzjonijiet (dħul) jenħtieġ li jiġu rrapportati skont il-pajjiż tal-oriġini, u l-esportazzjonijiet (ħruġ) skont il-pajjiż tad-destinazzjoni. In-nota għall-importazzjonijiet u għall-esportazzjonijiet fit-taqsima 4.2.3 tapplika hawn ukoll. L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet iridujiġu ddikjarati biss għall-pajjiż ġar jew il-pajjiż b'konnessjoni diretta ta' pipeline jew, fil-każ tal-LNG, għall-pajjiż fejn il-gass ikun ġie mgħobbi fuq il-vapur tat-trasport.

4.2.13. Konsenji lejn il-ġenerazzjoni tal-enerġija

4.3. **Unitajiet tal-kejl**

Il-kwantitajiet iridu jiġu ddikjarati f'żewġ unitajiet:

4.3.1. fi kwantità fiżika, f'miljuni ta' $m^3$ (miljun metru kubiku) meta wieħed jassumi kundizzjonijiet ta' referenza għall-gass (15 C, 101 325 Pa),

4.3.2. f'kontenut ta' enerġija, f'TJ (tera-joules), abbażi tal-valur kalorifiku gross.

4.4. **Skadenza għat-trażmissjoni tad-*data***

Fi żmien 55 jum wara x-xahar rapportat.

▼**M6**

*ANNESS D*

## STATISTIKA TA' KULL XAHAR GĦAL ŻMIEN QASIR

Dan l-anness jiddeskrivi l-kamp ta' applikazzjoni, l-unitajiet, il-perjodu rrapportat, il-frekwenza, l-iskadenza u l-modalitajiet ta' trażmissjoni għall-ġbir ta' kull xahar tul medda qasira ta' żmien tad-*data* statistika.

L-Anness A jipprovdi spjegazzjonijiet tat-termini mhux spjegati f'dan l-anness.

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-ġbir tad-*data* kollu speċifikat f'dan l-Anness:

(a) Perjodu rrapportat: Il-perjodu rrapportat tad-*data* ddikjarata għandu jkun xahar kalendarju wieħed.

(b) Frekwenza: Id-*data* jenħtieġ li tiġi ddikjarata abbażi ta' kull xahar.

(c) Format tat-trażmissjoni: Il-format tat-trażmissjoni jenħtieġ li jikkonforma mal-istandard tal-iskambju rilevanti speċifikat mill-Eurostat.

(d) Metodu ta' trażmissjoni: Id-*data* jenħtieġ li tiġi ppreżentata u li tittella' b'mezzi elettroniċi fil-punt uniku tad-dħul tad-*data* tal-Eurostat.

### 1. L-importazzjoni u l-provvista taż-żejt mhux raffinat

#### 1.1. Prodotti tal-enerġija applikabbli

Dan il-Kapitolu jkopri r-rapportar taż-żejt mhux raffinat.

#### 1.2. Definizzjonijiet

1.2.1. Importazzjonijiet

L-importazzjonijiet ikopru kull kwantità ta' żejt mhux raffinat li jidħol fit-territorju doganali tal-Istat Membru jew li jkun ġej minn Stat Membru ieħor għal finijiet oħra li ma humiex ta' tranżitu. Iż-żejt mhux raffinat użat għall-bini tal-istokk irid ikun inkluż.

Iż-żejt estratt minn qiegħ il-baħar li fuqu Stat Membru jeżerċita d-drittijiet esklussivi għall-finijiet ta' sfruttament u dħul fit-territorju doganali tal-Komunità jenħtieġ li jiġi eskluż mill-importazzjonijiet.

1.2.2. Provvista

Il-provvista tkopri ż-żejt mhux raffinat importat u ż-żejt mhux raffinat magħmul fl-Istat Membru tul il-perjodu ta' referenza. Il-provvista taż-żejt mhux raffinat minn stokkijiet li jkunu nbnew qabel hija eskluża.

1.2.3. Prezz tas-CIF

Il-prezz tas-CIF (tal-ispiża, tal-assigurazzjoni u tal-ġarr) jinkludi l-prezz FOB (free-on-board), jiġifieri l-prezz reali ffatturat fil-port/post tat-tagħbija minbarra l-ispiża tat-trasport, tal-assigurazzjoni u tal-imposti marbuta mal-operazzjonijiet tat-trasferiment taż-żejt mhux raffinat.

Il-prezz tas-CIF taż-żejt mhux raffinat magħmul fi Stat Membru għandu jiġi kalkolat bħala mħallas sal-port minn fejn jitlaq jew sal-fruntiera, jiġifieri sal-mument meta ż-żejt mhux raffinat ikun jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni doganali tal-pajjiż li qed jimporta.

1.2.4. Gravità tal-API

Il-gravità tal-API hija kejl ta' kemm tqil/ħafif iż-żejt mhux raffinat meta mqabbel mal-ilma. Il-gravità tal-API trid tiġi rrapportata skont il-formula li ġejja, fir-rigward tal-gravità speċifika (SG): $API = (141.5 \div SG) - 131.5$

▼M6

1.3. **Lista ta' aggregati**

1.3.1. Il-lista ta' aggregati li ġejja trid tiġi ddikjarata għall-importazzjonijiet taż-żejt mhux raffinat maqsumin skont it-tip u ż-żona ġeografika tal-produzzjoni:

1.3.1.1. id-deżinjazzjoni taż-żejt mhux raffinat

1.3.1.2. il-gravità medja tal-API

1.3.1.3. il-kontenut medju tal-kubrit

1.3.1.4. il-volum totali importat

1.3.1.5. il-prezz tas-CIF totali

1.3.1.6. l-għadd ta' entitajiet rapportaturi.

1.3.2. Il-lista ta' aggregati li ġejja trid tiġi ddikjarata għall-provvista tal-żejt mhux raffinat:

1.3.2.1. il-volum ipprovdut

1.3.2.2. il-prezz medju ponderat tas-CIF

1.4. **Unitajiet tal-kejl**

— bbl (barmil) għal 2.3.1.4. u 2.3.2.1.

— kt (elf tunnellata) għal 2.3.2.1.

— % (persentaġġ) għal 2.3.1.3.

— ° (gradi) għal 2.3.1.2.

— $ (Dollari Amerikani) kull barmil għal 2.3.1.5. u 2.3.2.2.

— $ (Dollari Amerikani) kull tunnellata għal 2.3.2.2.

1.5. **Dispożizzjonijiet applikabbli**

1. Il-perjodu rapportat:

Xahar kalendarju.

2. Il-frekwenza:

Kull xahar.

3. L-iskadenza għat-trażmissjoni tad-*data*:

Fi żmien xahar kalendarju wieħed wara x-xahar rapportat.

4. Il-format tat-trażmissjoni:

Il-format tat-trażmissjoni jenħtieġ li jikkonforma mal-istandard tal-iskambju rilevanti speċifikat mill-Eurostat.

5. Il-metodu tat-trażmissjoni:

Id-*data* jenħtieġ li tiġi ppreżentata u li tittella' b'mezzi elettroniċi fil-punt uniku tad-dħul tad-*data* tal-Eurostat.